MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1297/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonovitch Muscat**

**VS**

**Fabio Zulian detentur tal-passaport Taljan Numru E120267;**
**Omissis;**
**Omissis**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Fabio Zulian** li gie akkuzat talli:

F'Dicembru, 2006, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kif ukoll barra minn dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ippromwova, ikkostitwixxa, orgnizza, jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb illi jaghmlu reati kriminali li ghalihom jista' jinstab jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew aktar (dan bi ksur tal-Artikoli 18, 83A(1) u (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, appartjena ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) tal-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan bi ksur tal-Artikoli 18, 83A(2) u (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, f'Malta, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta, bil-ghan illi jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kinx delitt taht l-Att dwar l-Istampa, dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli f'Dicembru, 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq

haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza 'dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-dannu tal-kumpanija Vittoriosa Gaming Ltd (bin-numru tar-registrazzjoni C27613), u ta' diversi perusni ohra, dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli f'Dicembru 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamel att ta' money laundering billi:

Ikkonvera jew trasferixxa proprjeta' meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra tal-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew koncernanti f'attivita' kriminali;
Heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;
Akkwista proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;
Bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;
Ittenta jaghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija, ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering Kap 373; u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta.

Rat ukoll illi l-Avukat Generali baghat kemm l-Artikoli taht il-Kapitiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll il-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

L-Artikoli jaqraw:

a. L-Artikoli 83A(1)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. L-Artikoli 83A(2)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. L-Artikoli 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. L-Artikoli 308, 309, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. L-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. L-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. L-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta;
h. L-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. L-Artikoli 17, 18, 23, 23A(2), 23B, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qabel il-Qorti ma tghaddi biex tezamina l-fatti Lilha prodotti biex b'hekk wara dan, tara jekk jirirzultawx ir-reati addebitati, jinhtieg li a priori jigu rizolti l-vertenzi mressqa mid-Difiza bhala eccezzjonijiet li bihom attakkat l-addebitu tal-money laundering moghti lil Fabio Zulian.

Id-Difiza darba li gew mibghuta l-Artikoli kif hawn fuq imsemmija, kif ukoll il-Kontro Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, issottomettiet varji eccezzjonijiet biex tattakka l-akkuzi taht l-imsemmi Kap.

L-Avukat Difensur Dr Joseph Brincat b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Torino in kwantu ghall-esekuzzjoni tal-European Arrest Warrant fil-konfront ta' Zulian (meta hu abskonda lejn l-Italja), qal kif ben tghid din id-decizjoni, illi l-Qorti Taljana ma kinitx irrimandat lil Fabio Zulian fuq ir-reat ta' awtoreciklagg. Konsegwentement ma setax in vista' tal-principju ta' doppia incriminalita' jigi mgieghel jirrispondi hawn Malta, ai termini tal-Att ta' Money Laundering Kap 373. Sa hawn certament kellu ragun daqs

kemm kellu ragun ghall-fatt li l-istess principju japplika generalment fl-estradizzjoni.

Vertenza ohra mressqa kienet dik li l-Avukat Generali fil-fatt ma kinx baghat ‘l hekk imsejha Artikoli taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju tieghu meta addebita l-akkuzi li ghandhom jigu ezaminati, allura donna d-Difiza qieset illi dan kien qed jirrinunzja ghalihom jew kien zball formali fl-akkuza.

It-tielet lanjanza kienet li l-Ufficjal Prosekutur kellu jispjega x’kienu l-elementi giuridici ta’ money laundering li rrizultawlu biex hareg dawn l-akkuzi.

Il-Qorti tibda biex fil-fatt tehles mill-ahhar punt imressaq mid-Difiza. Hawn Dr Jospeh Brincat talab lill-Ufficjal Prosekutur li jippuntwalizza l-fatt antiguridiku li fuqu l-Prosekuzzjoni kienet qed tibbaza l-akkuza taghha taht il-Kapitolu 373. L-Ufficjal Prosekutur prezenta n-nota tieghu, folio 3980, fejn spjega dan - nota li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti wriet b’mod car dak li talbet id-Difiza, cioe’ l-fatti giuridiku tal-akkuza migjuba. Tqis ukoll din il-Qorti li din il-lanjanza per se’, li kienet gia’ wahda sorvolata meta waslet biex taghti d-digriet tal-prima facie, taht l-Artikolu 401(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u michuda la inghata dan id digriet.

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni l-ohra mressqa u cioe’ li l-Avukat Generali kien skont id-Difiza naqas milli johrog l-Artikolu taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, fin-nota ta’ rinviju tieghu ghall-gudizzju.

Jinghad ukoll qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina din l-eccezzjoni, li anke din l-eccezzjoni flimkien ma’ dik

precedentement imsemmija, gew imressqa mid-Difiza wara li saru diversi noti dwar il-mod kif gie esegwit il-European Arrest Warrant, cioe' l-eccezzjoni gia' suriferita tal-awtoreciklagg.

Dwar l-eccezzjoni in ezami, u cioe' li ma giet addebitata ebda akkuza taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, saru noti u verbali – din il-Qorti semghet u rat dan kollu.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubbju ta' xejn, huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li darba li l-Avukat Generali jibghat in-nota ta' rinviiju bl-Artikoli taht il-Kapitolu 9, Artikolu 370(1)(3)(a) jkun qieghed jimpartixxi l-akkuzsi formali kontra l-imputat. Hawn il-Qorti tista' taghmel facli referenza ghal sentenza gia' prezentata mid-Difiza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "***Il-Pulizija vs Michael Carter***" datata 7 ta' Dicembru, 2001, fejn din il-Qorti qalet dan:
"*Meta invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skont is-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-inqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dawk tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali.*"

Mela jsegwi hawn li ma jistax l-Avukat Generali izid akkuzi li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni. Tista' pero din il-Qorti (wahda ta' Gudikatura Kriminali), issib htija ta' tentattiv, reati ohrajn komprizi u nvoluti, jew komplicita'.

Hekk l-Avukat Generali huwa vestit b'din id-decizjoni ta' kompetenza. Dan huwa pero suggett u kundizzjonat bil-

kunsens tal-imputat, li jkun hu u unikament hu li ghandu jiddeciedi jekk jaccettax dan ir-rinviju ghall-gudizzju - in kwantu qed jiddetermina kompetenza sommarja, jew jaghzel illi jissottometti ruhu ghall-att ta' akkuza.

Minn naha l-ohra, Ligijiet specjali bhal ma huma l-Kapitoli 31, 101 u 373 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jadoperawx il-procedura segwita taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod identiku bejniethom.

Jekk wiehed ihares lejn l-Artikolu 3(2A)(a)(b) tal-Kap in ezami, insibu vestita f'idejn l-Avukat Generali din id-deskrizzjoni ta' ghazla ta' liema Qorti ghandha tkun kompetenti biex tiddetermina l-akkuzi taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hawn si tratta biss ta' ordni li tiddetermina l-kompetenza ta' Qorti **mhux l-akkuzi per se**. Taghmel referenza hawn il-Qorti ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Frar, 1996 fil-kawza fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs George Mifsud*", li ghalkemm tirreferi ghall-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha l-istess partikolarita':

"*L-artikolu 22(2) tal-Kap 101 ma jghidx hekk. Dak li dan is-sub-artikolu jippreciza huwa illi il-Qorti, li eventwalment sejra tiddeciedi l-kaz ta' allegat ksur tad-disposizzjonijiet ta' dak il-kap, ma jaghziliex l-imputat kif jista' jaghmel prattikament fil-kazijiet kollha kriminali fejn jista' jkun hemm ix-xelta prevvista mill-ligi, izda jaghzilha l-Avukat Generali. Ghal din il-Qorti jekk wiehed jara it-test Malti, u specjalment it-test Ingliz, dak li hemm prvvist f'dan is-sub-artikolu huwa illi f'kaz ta' allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 101, meta jittiehdu l-proceduri – u dawn jittiehdu mill-Pulizija li*

*m'ghandhix bzonn il-kunsens tal-Avukat Generali biex tibdiehom – u jigu kompilati l-atti, ix-xelta dwar liema Qorti sejra tiddeciedi l-kaz, ma tispettax lill-akkuzat jew l-imputat bhal f'hafna kazijiet ohra, imma tispetta esklussivament lill-Avukuat Generali, fis-sens illi jekk l-Avukat Generali jiddeciedi li l-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati li minn Qorti ta' Istruttora tirrisolvi ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-kaz jigi deciz minn dik il-Qorti, mentri jekk l-Avuukat Generali jiddeciedi li l-kaz jigi deciz mill-Qorti Kriminali hija dik il-Qorti u ebda Qorti ohra li jkollha gurisdizzjoni biex tiddeciedieh. Fil-fehma ta' din il-Qorti id-disposizzjoni kontenuta fis-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Kap 101, hija kompletament differenti minn dik kontenuta fl-artikoli l-ohra tal-ligijiet differenti li ssemmew aktar 'il fuq fuq, minn fejn jidher car illi f'dawk il-kazijiet il-pulizija m'ghandhix id-deskrizzjoni li tmexxi kaz quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali minghajr ma qabel ikollha l-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Generali jew tal-Kontrollur tad-Dwana fil-kaz tal-Kap 37. Fil-kaz tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-pulizija ghandha dejjem id-deskrizzjoni li tmexxi u tipprezenta lil dak li jkun u takkuzah quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali, pero liema Qorti eventwalment ser ikollha il-gurisdizzjoni li tiddeciedi dak il-kaz ma jiddependix mill-pulizija, lanqas mill-akkuzat, imma jiddependi esklussivament mill-Avukat Generali. Din hija differenza sostanzjali u determinant ghall-ezitu tal-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti. Din il-Qorti fir-rigward tikkonfessa li ghal mument kellha xi ftit tad-dubbju minhabba li s-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Kap 101 juza l-kelma "ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja". Pero', dan id-dubbju gie eliminat wara li kkonsidrat fl-ewwel lok it-test Ingliz li kif inghad juza l-kelma "***<u>shall be tried</u>***" u t-*

*tieni, illi anke fit-test Malti l-istess sub-artikolu jibda bil-kliem "**kull persuna akkuzat b'reat kontra din l-ordinanza**". Dan igib lil din il-Qorti ghal unika konkluzjoni plawsibbli fit-termini ta' dan is-sub-artikolu, u cioe' li ebda awtorizzazzjoni mill-Avukat Generali ma hija rikjesta mill-ligi biex jinbdew il-proceduri u li dak li hemm prevvist mill-ligi hija d-diskrezzjoni assoluta tal-Avukat Generali li jiddeciedi hu u mhux l-imputat mill-liema Qorti ser jigi gudikat l-istess imputat.*"

Jirrizulta car minn dan, ghax din id-decizjoni hekk spjegata hija l-istess bhal dik adoperata taht il-Kapitolu 373 in ezami, illi l-Avukat Generali meta jibghat 'l hekk imsejha Kontro Ordni, hu ma jkunx qieghed qatt jibghat xi formalita' ta' akkuza kif ikun qieghed jigri meta jibghat l-Artikoli fir-rinviju ghall-gudizzju. L-akkuza li jkun irrisponda ghaliha fil-bidu, tal-proceduri, dik li jkun gia' prezentat biha formalment allura akkuzat biha, hija fil-kazijiet ikkontemplati taht il-Kapitoli, 31, 101 u 373 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuza li huwa ghandu jwiegeb ghaliha. L-imputat ma hu moghti qatt il-fakolta' ta' xelta jekk iridx li jkun gudikat sommarjament stante d-differenza fil-piena mahsuba.

Ghar-ragunijiet hawn diskussi, din il-Qorti qieghda tichad ukoll din l-eccezzjoni tad-Difiza, li hawn si tratta ta' zball fil-formalita' tal-atti, u li ghalhekk Fabio Zulian fir-rinviju ghall-gudizzju ma giex akkuzat taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta ghax fil-fatt Zulian, gie hekk akkuzat a priori mal-presentatata, u issa l-Avukat Generali ghazel li jibghatu ghal giudizzju sommarju.

L-ahhar eccezzjoni mressqa hija dik li tinvolvi s-sentenza li esegwiet il-European Arrest Warrant, wara li Fabio Zulian ma

kinx irritorna lejn Malta bi ksur tad-digriet tal-liberta' provizorja, that pretest falsifikat u qarrieqi li huwa kellu tumur f'mohhu.

Wara hafna battibekki fil-Qorti, fl-ahhar giet ezebita fl-atti d-decizjoni tal-Qorti ta' Toino, dwar l-esekuzzjoni tal-European Arrest Warrant, Dok JD li qalet hekk fil-parti decisive taghha:

"*Se cosi e', dunque, la consegna e' stata disposta anche per qualle parte di condotta relative alla ricezione ed incameramento del denaro ricavato dalla commissione del reato.*

*Cio' ditto, preme peraltro rilevare che qualore nell'ordinamento maltese questa parte della condotta venga considerate non gia' costitutiva del reato di truffa, bensi' condotta a se' stante ed autonomamente perseguibile tramite il reato c.d. di "sparizione di soldi" e qualora tale reato corrisponda, come asserito dal difensore di Zulian, al resto di autoreciclaggio, ebbene questo'ultimo – inteso, si badi, come successiva sostituzione, trasferimento o nascondimento mediante altre attivita' da parte di un soggetto di denaro proveniente da un illecito commesso dal soggetto medesimo – non e' attualmente previsto dall'ordinamento italiano (ed, a ben vedere, non risulta neppue indicato nella descrizione dei fatti dedotti con il MAE), e, dunque, in questi limiti per esso la Zulian non potrebbe essere consegnato in ossequio al principio di cui all'art 7 della L. 69/05 della doppia incriminabilita'.*"

Fuq tali decizjoni tal-Qorti ta' Torino, Secondo Sezione Penali, skont Dr Joseph Brincat ghall-imputat Zulian argument li dan gie allura rimess lura mill-Qrati Taghna ghall-

gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin bir-riserva li dan ma jwegibx ghar-reat ta’ awtoreciklagg. Dwar dan il-punt huma ghamel trattazzjoni verament studjata.

Din il-vertenza mressqa mid-Difiza dwar dan il-Kapitolu hija wahda aktar kumplessiva mad-daqqa t’ghajn, ghax tinvolvi interpretazzjoni tas-sentenza moghtija minn Qorti Estera dik tal-Appell Taljana (Sede Torino) naxxenti mill-esekuzzjoni tat-talba taht il-European Arrest Warrant (Dok JD).

Hawn important dak li qalet l-istess Ordinanza fl-ahhar parti taghha, fejn kienet qed titratta dwar ir-reati li dwaru Fabio Zulian kien qed jigi rimess lura lejn Malta. Hawn il-Qorti ta’ Torino kienet fil-fatt qed tikkummenta dwar l-uzu tal-frazi “*sparizione di soldi*” kif tradotta fil-EAW mibghut minn Malta lill-Awtoritajiet Taljani, frankment traduzzjoni nfelici li kellha taqra sic et simplecitur “*reciklagg*”.

Fuq tali decizjoni tal-Corte d’Appello di Torino, Seconda Sezione Penale, Dr Joseph Brincat argumenta illi l-imputat Zulian allura gie mibghut, rimandat bis-sahha ta’ EAW, pero skont l-“*speciality rule*” ma setax aktar jigi akkuzat bir-reat ta’ “*autoreciclaggio*”, tant illi huwa kien ser ikollu jinforma lill-Ambaxxata Taljana biex jiehu l-passi li jidhrilha xierqa ghall-inosservanza tal-patt mal-istat Taljan fil-kwadru tal-European Arrest Warrant.

L-Avukat Generali minn naha tieghu prezenta nota ferm kopjuza b’ammont kbir ta’ dokumenti annessi, fejn spjega b’mod car il-posizzjoni tieghu dwar l-akkuzi koncernanti l-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-esekuzzjoni tal-EAW.

Illi tinnota din il-Qorti, illi anke f'dan l-istadju, l-istess Avukat Generali kien fuq linja preliminari, iddikkjara li l-imputazzjoni li biha gie akkuzat Fabio Zulian kienet dik ta' "*reciclaggio di proventi di reato*" mhux ta' "*autoreciclaggio*". Sahaq illi fil-fatt, fil-mandat ta' arrest u estradizzjoni mahrug kontra l-imputat biex dan jigi ritornat lejn Pajjizna, f'ebda imputazzjoni ma hemm indikata ebda imputazzjoni ta' awtoreciclagg.

Mar oltre fin-nota tieghu l-Avukat Generali, nota ferm insegnativa del resto, barra li ccita varji sentenzi koncernanti l-esekuzzjoni ta' EAW, ghamel referenza ghall-Artikolu 2(2) tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Gunju, 2002 dwar dan il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-procedura ta' konsenja bejn Stati Membri, maghmul dan f'Lussemburgu nhar it-13 ta' Gunju, 2002.

Fit-tieni artikolu tal-istess decizjoni Kwadru, insibu hekk:
"*Article 2*

***Scope of the European Arrest Warrant***

1. *A European Arrest Warrant may be issued for acts punishable by Law of the issueing Member States by a custodial sentence or a detention order for a maximum period of at least twelve months, or whereas a sentence has been passed or a detention order has been made, for sentences of at least four months.*
2. *The following offences if they are punishable in the issueing Member States by a custodial sentence or a detention order for a maximum of at least three years, and as they are defined by the Law of the issueing Member State, shall, under the terms of this Framework*

*Decision, and without verification of the double criminality of the act, give rise to surrender pursuant to a European arrest warrant:*

- *participation in a criminal organisiation*

*…………*

- *Fraud, ………………….*
- *Laundering of proceeds of crime …………….*
- *Forgery of means of payment………………*”

Certament u bla dubbju, ir-reat ta’ reciclagg ta’ flus huwa punibbli bi prigunerija li tmur oltre t-tlitt (3) snin. Ghalhekk, ghandu ferm ragun l-Avukat Generali li r-reat ta’ Money Laundering huwa wiehed skedat fl-Artikolu 2 tal-imsemmija decizjoni Kwadru. Anke taqbel ma’ dak elenkat mill-Avukat Generali, u dan anke ghax jirrizulta piu’ che’ car illi ebda Membru Stat ma’ jista’ jfittex ghal prova ta’ *double criminality* fejn jikkoncerna “*framework offences*”, hlief ghal dawk ir-reati mhux koperti u msemmija fil-lista tal-imsemmi Artikolu 2 tad-Decizjoni Kwadru. Bla dubbju, terga’ tghid din il-Qorti, ir-reciclagg huwa formanti parti tal-lista tar-reati nkluza fl-Artikolu 2 imsemmi. Minn naha l-ohra, ir-reat ta’ autoreciclaggio mhux.

Taqbel ukoll il-Qorti ma’ dak sottomess mill-Avukat Difensur, illi mhix il-kompetenza ta’ din il-Qorti bhala wahda ta’ Gudikatura Kriminali, illi tissendika Hi jew tbiddel Hi d-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell ta’ Torino (Seconda Sessione). Del resto, kif ben ippuntwalizzat ukoll din il-Qorti, Hi stess indunat illi fil-fatti redatti fl-EAW, minn imkien ma kien jirrizulta li r-reat ta’ autoreciclaggio, cioe’ l-fatti li fuqhom kienet ibbazata t-talba li Zulian jigi rimandat mill-

Awtoritajiet Taljani lejn Malta, ma kellhom ebda element ta' awtoreciklagg. Per parentesi, ma tistax din il-Qorti ma tghidx ukoll, in linea mar-rispett li ghandu jigi ezercitat u muri lejn Qrati ta' Membri Stati, illi r-reat ta' awtoreciklagg verament ma jirrizultax fil-lista tar-reati nkluzi fl-Artikolu 2 tad-Decizjoni Kwadru. Terga' tirritjeni din il-Qorti, illi mhix il-kompetenza taghha li tiddeciedi jekk il-Qrati Taljani marrux kontra d-Decizjoni Kwadru msemmija.

Rat ukoll il-Qorti l-ittra presentat minn Dr Joseph Brincat a folio 3526 ta' l-atti, ittra lilu mibghuta mill-Avukat Taljan il-Profs Mauro Ronco,dwar l-interpretazzjoni li kellha u ghandha tinghata de-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti ta' Torino, skontu, li din il-Qorti minhabba l-principju ta' doppja inkriminalita' ma kinitx rimandat lil Fabio Zulian fuq ir-reat ta' "*sparizione di soldi*", u ma setax hawn Malta allura jigi gudikat fuq hekk.

Rat ukoll Dok DM2 a folio 3729 tal-atti ezebiti mill-Avukat Generali, mibghut lil dan l-ufficju bhala l-Awtorita' Kompetenti, mill-Awtorita' Kompetenti Taljana cioe' l-Ministero della Giustizia, fejn hawn gie kjarifikat li l-Awtoritajiet Gudizzjarji Taljani ma kinux imponew ebda limitazzjoni ghall-konsenja ta' Zulian u l-eskluzjoni tal-kelma 'reciclaggio' mit-test tas-sentenza ma kinx ifisser dan li gie eskluz mid-delitti li ghalihom kellu jirrispondi Zulian fil-process gudizzjarju quddiem il-Qrati Maltin, u l-konsenja tieghu saret fuq il-fatti deskritti fil-mandat ta' arrest (EAW). Din il-komunikazzjoni kienet 24 ta' Jannar, 2013 segwenti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Torino datata 14 ta' Novembru, 2011.

**<u>Mela *in poche parole* s-sentenza rimandanti ma semmitx ir-reat ta’ reciklagg, pero eskludiet fuq bazi ta’ double criminality ir-reat ta’ awtoreciklagg.</u>**

Ghalhekk, il-Qorti, wara li ghamlet ezami akkurat tas-sentenza tal-Appell tal-Qorti ta’ Torino, tista’ serenament tikkonkludi li taqbel mad-Difiza li gie eskluz minn din il-Qorti r-reat ta’ awtoreciklagg – reat del resto mhux addebitat kontra Zulian. Tfakkar il-Qort fil-fatt, illi tant dan mhux reat addebitat lil Fabio Zulian, li l-istess Qorti Taljana fis-sentenza taghha ppuntwlazzat illi r-reat ta’ awtoreciklagg “*.....non risulta neppure indicato nelle descrizione dei fatti dedotti con il-MAE.*” Jirrizulta wkoll illi fil-fatt din il-Qorti rrifjutat biss il-*consegna* ta’ Fabio Zulian biss u unikament fil-konfront tar-reat ta’ awtoreciklagg.

Fl-ahhar lok terga tirritjeni  din il-Qorti, illi bin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, abbinata mal-Kontro Ordni, l-Avukat Generali ma naqas milli jsegwi ebda formalita’ u li l-Ordni kif gia’ spjegat vestiet il-gurisdizzjoni f’din il-Qorti b’dan illi l-akkuzi taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta - ta’ liema ghandu jirrispondi Zulian, gia’ kienu gew lilu formalizzati meta nhargitlu l-akkuza taht l-imsemmi Kapitolu.

Decizi dawn il-vertenzi, il-Qorti ser tghaddi issa biex tezamina l-fatti saljenti prodotti biex b’hekk tkun tista’ tiddetermina jekk il-Prosekuzzjoni waslitx biex tipprova l-htija.

**<u>Provi mressaqa</u>**

Tibda fl-ewwel lok b'dak li xehed l-**<u>Ufficjal Prosekutur</u>** li tana *an overall review* ta' dak li skondtu kien l-operat li wassal ghall-akkuzi in ezami.

L-**<u>Ispettur Antonovitch Muscat</u>** qal illi hu, darba li mar il-Casino Di Venezia fuq ordni tas-Supritendent Alexnadra Mamo, hemm ircieva complaint minghand Joanne Dick, chief cashier; Bernard Storace, General Manager tal-istess Casino, u Antonella Gambato, Administration Executive, dan dwar loghob li kien okkorra gol-Casino Di Venezia fil-weekend ta' bejn it-3 ta' Dicembru, 2006 u l-weekend ta' bejn it-23 u s-26 ta' Novebru, u dak ta' qabel.

Skont dak li qalulu, hawn dejjem qieghed jixhed fuq ir-rapport illi rcieva u s-sussegwenti akkuzi li hareg, grupp ta' Taljani migjuba minn *junket leader* certu Nevio Barut, fosthom l-imputat Fabio Zulian u Gaetano Caramazza, flimkien ma' Taljani ohra, prezentaw cekkijiet biex ikunu jistghu jilaghbu fil-Casino, anke cekkijiet ta' terzi fosthom cekkijiet illi jghajtu lil Uni Credit Xelion Bank, Sede Di Milano, u ohrajn tal-Banca Popolare di Ancona. Skondthom dawn gew prezentati mill-imsemmija Fabio Zulian u Gaetano Caramzza u terzi. Wara gimgha regghu marru u prezentaw cekkijiet ohrajn, u Fabio Zulian prezenta bank drafts ta' hamsin elf Ewro (€50,000)-il wiehed ghat-total ta' mitejn u hamsin elf Ewro (€250,000) tal-Banca di Credito Popolare Sede di Torino. Dawn gew prezentati fil-weekend tal-1 sat-3 ta' Dicembru. Fl-4 ta' Dicembru, li kien it-Tnejn, il-Casino di Venezia beda jibghat ic-cekkijiet biex dawn jigu cleared u baghat ghalhekk fax copy ta' dawn ic-cekkijiet tal-bank drafts. Ircieva l-Casino konferma mill-bank Taljani msemmija li l-bank drafts u c-cekkijiet imsemmija kienu kollha msarrfa fl-2002. Qal ukoll illli c-cekkijiet, fosthom dawk tal- Uni Credit Xelion Bank, kienu jghajtu account li kien gie maghluq f'Ottubru, 2006, liema kont la kien jghajjat lil Zulian u lanqas lil Caramazza.

Qal illi rrizultalu mill-investigazzjoni li beda jaghmel u mid-dokumenti li gabar, illi ta' dawn ic-cekkijiet prezentati, ittiehdu chips biex dawn ikunu jistghu jintlaghbu. Dawn ic-chips gew prezentati lura minn terzi ohrajn, u nhargu anke 'win cheques' f'isimhom. Dawn il-win cheques hargu mill-Casino di Venezia. Terzi persuni, it-Tnejn ta' wara l-loghob, marru b'dawn il-win cheques go fergha ta' bank lokali u dawn gew depozitati go accounts taghhom personali gewwa l-Italja. Qal illi fil-kont kurrenti tal-Casino di Venezia ma kinx hemm bizzejjed kontanti biex ikopru dawn ic-cekkijiet kollha, u allura kien sar transfer biex dawn jigu hekk koperti. Qal illi kien f'dan l-istadju li l-pulizija rnexxielha twaqqaf transfer ultejruri ta' flus fl-ammont ta' mija u wiehed elf Ewro (€101,000), dawn f'win cheques tal-Casino di Venezia f'isem certu Antonio Piniataro li kien fil-grupp ta' Barut ma' Zulian u Caramazza fiz-zewg weekends li marru hemm jilaghbu. Qal illi s-swift transfers li kienu lahqu saru, kienu ta' hames (5) cheques tal-ammont komplessiv ta' mija u tnejn u sebghin elf Ewro (€172,000) – tlieta (3) f'isem Antonio Di Nolfi, u tnejn (2) f'isem certu Antonio Gallo li kienu lkoll mal-istess grupp ta' laghba. Qal illi biex jigi salvagwardjat il-Casino di Venezia nhareg ukoll investigation order flimkien ma' attachment order fil-konfront ta' dawn ic-cekkijiet.

Gie nfurmat mill-Casino, illi Nevio Barut bhala *junketeer* kien rega' ghamel kuntatt mal-Casino di Venezia biex jerga' jgib il-laghba. Rega' kkonferma f'dan il-booking lill-imputat Zulian u lil Caramazza. Arresta l-Ufficjal Prosekutur lil dawn fil-Corinthia Palace flimkien ma' tlitt (3) persuni ohra, darba li issa regghu gew Malta.

Qal illi wara "*searches*" li saru fil-bagalji taghhom, fil-"*valiggia*" ta' Barut instabu disa' (9) bank drafts ghall-ammont ta' hamsin elf Ewro (€50,000) tal-Banca della Campagna, total ta' erba' mija u hamsin elf Ewro (€450,000). Fil-pussess ta' Gaetano Caramazza nstabu erba' (4) blank cheques tal-Banca Credito Siciliana. Ha l-istqarrijiet ta' kull wiehed minnhom. Gew ezebiti - ghax dak illi jinteressana f'dan il-gudizzju, dawk ta' Fabio Zulian bhala Dok FZ u Dok FZ1, stante li dan irrilaxxa tnejn.

Dwar id-dannu soffert mill-Casino Di Venezia xehed illi l-win cheques li lahqu gew imsarrfin kienu jammontaw ghall-ammont ta' mija u tnejn u sebghin elf Ewro (€172,000).

Mistoqsi kif kienu jinkwadraw l-imputazzjonijiet fil-konfront issa biss ta' Zulian, spjega u qal dwar l-assoccjazzjoni li kien hareg car mill-investigazzjoni li grupp ta' nies kienu gew Malta, fosthom l-imputat, li prezentaw cheques mhux personali taghhom gol-Casino. Dwar frodi semma l-presentazzjoni tac-cheques, cheques dawn misruqa u ta' kont kurrenti li kien jghajjat lil haddiehor, mhux lil Fabio Zulian, anke cheques illi kienu misruqa, bank drafts li nsterqu mill-Banca Postale waqt illi dawn kienu sejrin mill-head office tal-Banca lejn is-Sede gewwa Torino. Fir-rigward tal-money laundering, illi gew prezentati cheques fazulli u li sar gwadann billi hadu chips biex isir il-loghob, cekkijiet prezentati minn A, ic-cheques jghaddu f'idejn grupp ta' hamsa jew sitta minn nies, gukaturi ohra biex ikunu jistghu jillimitaw il-loss. Qal illi jekk ic-chips kienu jinghataw lil persuna wahda, ic-cans kien li dan f'puntata wahda jirdoppja kollox, b'hekk meta jmur isarraf kien hemm cans kbir illi jinghata lura anke c-cheque jew bank draft minnu originarjament prezentat, cekk illi hu ma ridx jiehu lura.

Ghalhekk, meta c-chips kienu jinqasmu, it-telf illi kien jaghmel l-ewwel persuna jigi sostitwit b'chips minghand l-iehor, b'dan illi jzommu l-istess chips f'idejhom "*at a calculated loss*", ghalhekk fl-ahhar jingabru minn tlieta jew erbgha minn nies bhala rebh, b'dan illi jkun naqra sar telf bizzejjed biex il-Casino ma jergax jaghtiehom lura c-cekkijiet li prezentaw qabel, ghalhekk jew jaghtiehom rebh f'kontanti jew win cheques, jew minhabba telf l-istrumenti bankarji prezentati jibqghu ghand il-Casino.

Giet ezebita minnu wkoll il-fedina penali ta' Fabio Zulian bhala Dok FZ2.

Ezebixxa kopja tal-bank drafts tal-Banco di Credito Popolare, hames (5) bank drafts f'ammont ta' hamsin elf Ewro (€50,000) intestati lil Vittoriosa Gaming Ltd, kopji. Dawn qal illi kien gabhom mill-Casino di Venezia stante li l-original kienu gew cleared, Dok AM. Qal illi dawn skondtu gew prezentati minn Fabio Zulian.

Prezenta wkoll kopji ta' erba' (4) third party cheques tal-Unicredit Xelion Banca Sede Miliano, Italia – tnejn (2) ghall-ammont ta' mitt elf Ewro (€100,000); wiehed (1) ghall-ammont ta' mija u hamsin elf Ewro (€150,000); u iehor ghall-ammont ta' hamsin elf Ewro (€50,000), Dok AM1. Qal illi dawn prezentahom ukoll Fabio Zulian.

Prezenta wkoll third party cheques tal-Banca Popolare di Ancona, Sede Nora Due, fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000), tletin elf Ewro (€30,000), tletin elf Ewro (€30,000), erbgha u sittin elf Ewro (€64,000), tmienja u ghoxrin elf Ewro (€28,000) – dawn gew prezentati skontu

minn certu Bastola Giuseppe tlieta (3) minnhom; it-tnejn (2) l-ohra minn Conza Ettore, Dok AM2.

Prezenta wkoll cekk ta’ mitejn elf Ewro (€200,000) tal-Banca di Credito Siciliana, dan kien prezentat minn Gaetano Caramazza, Dok AM3.

Prezenta tliet (3) mobiles ta’ Fabio Zulian - tnejn (2) tal-ghamla Samsung u iehor tal-ghamla LG bhala Dok AM5. Cellulari iehor ta’ Zulian misjub fil-luggage mhux fuq il-persuna tieghu bhala Dok AM7. Ezebixxa wkoll evidence bag bic-charger ta’ dawn kif ukoll wallet b’identity cards u credit cards ta’ Zulian bhala Dok AM8.

Prezenta wkoll zewg evidence bags ohra, oggetti u dokumenti mehuda minghand Caramazza u Barut, kontenenti varji bank drafts li nstabu fuq Barut fl-ammont ta’ erba’ mija u hamsin elf Ewro (€450,000), originali; business cards; VISAS membership cards ta’ varji casinos.
Fil-konfront ta’ Caramazza gew prezentati cheque books bla intestatura lil min jghajtu bhala Dok AM10.

Ezebixxa wkoll email illi ntbaghtet lilu minn certu Anna Maria Cerulli tal-Banca di Campagna, fejn ikkwotatlu s-serial numbers tad-disa’ (9) bank drafts illi nstabu ghand Nevio Barut (Dok AM9); bank drafts li kienu rapurtati misruqa, Dok AM11.

Ezebixxa wkoll kopja tal-komunikazzjoni li rcevew il-Casino di Venezia rigwardanti l-hames (5) bank drafts prezentati minn Fabio Zulian fil-weekend ta’ bejn l- u t-3 ta’ Dicembru, fejn il-bank ikkonferma li dawn kienu misruqa, Dok AM12.

Prezenta wkoll dak illi ghaddietlu Antonella Gambalo, email mibghuta mill-Banca Commerciale Sammarinese, Stefano Bertozzi, fejn hemm konferma li t-third party cheques tax-Xelion Banca Unicredit li prezenta Fabio Zulian fil-weekend tat-23 sas-26 ta’ Novembru, kif ukoll fil-weekend tal-1 sat-3 ta’ Dicembru, u anke third party cheques tal-Banca Popolare di Ancona di Noto li gew prezentati minn terzi li semma Giuseppe Vastola, Ettore Conza, kienu wkoll misruqa u kienu mahruga fuq kont illi nghalaq fis-6 ta’ Ottubru, 2006, u ma kinux f’ebda isem tal-imputat jew ta’ dawk li prezentawhom.

In kontro ezami Dr Joseph Brincat, wara li giet ezebita l-warrant of arrest bhala Dok AM15 fil-konfront ta’ Fabio Zulian, qal, meta mistoqsi fil-konfront tal-Artikolu 83A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioe’ kkostitwixxa organizzazzjoni, illi Zulian kien gie ghal zewg weekends wara xulxin konsekuttivament, dejjem mal-istess grupp ta’ Taljani; prezenta cekkijiet misruqin, ghalhekk ghall-Prosekuzzjoni kienu in konfoffa ma’ Taljani ohrajn biex isir dannu lill-Casino di Venezia.

Qal illi ma kellux prova li Zulian kien per se organizza l-grupp.

Dwar frodi u falsifikazzjoni, qal li dan, ghax ircieva affarijiet misruqa f’idejh (l-ohrajn mieghu), u anke ffalsifika cekkijiet.

Qal illi minn xhieda ulterjuri jirrizulta li certu cekkijiet intlew u gew iffirmati minn Fabio Zulian.

Dwar il-messa in scena qal illi dan kien addebitat talli prezenta cekkijiet meta kien jaf illi ma kinux tieghu, kif ukoll hames (5) bank drafts li ma harighomx hu mill-bank.

Qal illi l-bank drafts kienu in bjank, pero ma gewx mimlija mill-bank.

Qabel illi fuq ic-cekkijiet kollha li prezenta Zulian kien hemm il-kitba "*non trasferibile*".

Dwar il-fatt illi Zulian halla tracca tieghu u anke identita' tieghu mal-Casino, l-Ufficjal Prosekutur irrisponda li c-cekkijiet estrani riedu ghoxrin (20) gurnata ghall-clearance, allura l-Casino kien idum biex jinduna b'dak li jkun okkorra.

Qal illi l-akkuza numru sitta (6) kienet wahda alternattiva, mentri l-akkuza numru sebgha (7) kienet rigwardanti cekkijiet misruqa.

Rega' spjega wkoll l-operat mahdum, skondtu anke bil-partecipazzjoni ta' Zulian a bazi ta' liema huwa addebitah ukoll bil-money laudering.

Aktar tard f'dawn il-proceduri rega' sarlu kontro ezami iehor - f'dan l-istadju l-gudizzju kien biss fil-konfront ta' Fabio Zulian, stante separazzjoni tal-istess. Dwar l-akkuza ta' ricettazzjoni, qal illi l-bank drafts u c-cekkijiet kienu misruqa; qal illi dawn insterqu "*in blank*".

Dwar l-akkuza ta' falsifikazzjoni, xehed dwar il-firma taghhom u li ma kinux mill-current account tieghu. Qabel illi l-bankers draft kienu "*type written*" jew "*computer printed*". Qal illi ma saritx tfittxija ghand Zulian ghal xi printer, ma marrux id-dar tieghu. Qal illi fl-statement l-istess Zulian ammetta li kien hu li ghamel id-dati u firem fuq ic-cekkijiet. Qal illi kien hu li qal illi kien iffirma l-bankers draft,

prezentahom mal-cash u ha l-fische ghalihom. Qal illi Zulian sostna li dawn id-drafts gew minghand Barut.

Dwar il-freezing order u l-ammont ta’ tliet mija u tnejn u hamsin elf Ewro (€352,000), li gie mizmum milli jitlaq minn Malta, xehed illi dawn ma kinux fi flus kontanti imma f’ammont ta’ “*win cheques*” illi nhargu mill-Casino di Venezia. Qal dwar il-mija u tnejn u sebghin elf Ewro (€172,000), illi gew trasferiti minn Malta ghal Italja, illi ma kien hemm xejn intestat fuq Fabio Zulian. Qabel illi Zulian ma ghamilx “*bank to bank transfer*”.

Fil-konfront tal-assoccjazzjoni qal illi gew arrestati diversi nies u telquhom, barra Barut, Zulian, u Caramazza, pero dawn l-ohrajn ma tressqux il-Qorti.

Qal illi Fabio Zulian kien prezenti Malta darbtejn.

Wiegeb dwar l-assoccjazzjoni li kien hemm grupp illi kien gie f’weekend precedenti ghall-arrest ta’ Zulian, hawn gew prezentati bank drafts. Dawn irrizultaw illi kienu misruqa, falsifikati, u rrizultalu wkoll ir-reat ta’ frodi – dan peress illi saret skondtu dejjem, truffa ghad-dannu tal-Casino stante li l-gukaturi gew tawhom, moghtija fische, li ttiehdu wara li prezentaw il-bank drafts u c-cekkijiet in kwistjoni, u l-fische gew konvertiti f’win cheques li gew imsarrfa f’banek, allura jirrizulta r-reat ta’ money laundering.

**Joanna Dick** minn naha taghha spjegat dawk it-transazzjonijiet allegatament suspettuzi li hi assistiet ghalihom mill-gukaturi involuti f’dawn it-tlett weekends in ezami. Bdiet titkellem fuq it-transazzjonijiet li l-klijenti allura l-gukaturi ghamlu mal-cash desk. Bdiet, fuq suggeriment tal-

Prosekuzzjoni, fuq Fabio Zulian u spjegat illi s-Sibt, erbgha u ghoxrin (24) ta’ Novembru ghal habta tal-hdax ta’ billejl Fabio Zulian irtira d-deposit tieghu ta’ sebat elef mija u sittax-il lira Maltin (Lm 7,116). Dan ghaliex il-Hamis halla dawn ic-cippi bhala deposit fil-cash desk biex imbaghad il-Gimgha jirtirahom u jkun jista’ jilghab bihom. Spjegat ukoll iktar tard ftit minuti wara l-istess Zulian prezenta cekk ta’ Xelion Banca ta’ valur ta’ mija u hamsin elf ewro (€150,000) u tatu c-cippi kontra l-istess ekwivalenti ghall-istess. Spjegat ukoll li f’dawn ic-cekkijiet quddiemha Zulian mela l-ammont, l-ammont fil-figuri u l-ammont fi kliem u anki iffirma l-istess. Regghet qalet illi aktar tard gie b’hamest elef lira (Lm5,000) cippi u talabhom biex jehodhom flus u hadhom fi flus, dejjem fil-valuta Maltija. Aktar tard halla deposit ta’ sitt elef lira Maltin (Lm6,000). Imbaghad is-Sibt, hamsa u ghoxrin (25) ta’ Novembru ghal habta tas-sitta u nofs ta’ filghaxija (6.30 p.m.) irtira s-sitt elef Maltin (Lm6,000) u daqshekk m’ghamel xejn iktar mal-cash bhala transactions hu individwali. Spjegat ukoll illi dan l-operat addottah ukoll certu Gaetano Caramazza fejn is-Sibt, hamsa u ghoxrin (25) ta’ Novembru ghal habta tal-hdax u sebgha ta’ filghaxija (11.07 p.m.) dana kien prezenta cekk ta’ erbgha u ghoxrin elf ewro (€ 24,000) u tatu cippi valuta Maltija. Dan ic-cekk kien ta’ Credito Siciliano. Aktar tard ha lura s-somma ta’ ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000), ha lura c-cekk tieghu. Qalet li gabilha mbaghad hames mitt lira Maltin (Lm500) ohra f’cippi u tathomlu valur Maltin. Fil-hdax u sebgha u erbghin minuta ta’ filghaxija (11.47 p.m.) gabilha cippi fl-ammont ta’ hamest elef u hames mitt lira Maltin (Lm5,500) u tatu lura cekk ta’ tnax-il elf u erba’ mitt ewro (€12,400), cekk li kien halla maghhom il-gimgha ta’ qabel. Qalet li ha d-differenza ta’ seba’ mija u disghin ewro (€790) f’cash. Kompliet illi fis-siegha nieqes kwart ta’ filghodu cirka (00.45 a.m.) hadilha hamest elef lira Maltin

(Lm5,000) u hallihom deposit fil-cash desk. Ftit wara, zewg minuti wara, gabilha hamest elef lira (Lm5,000) ohra. Allura bhala deposit kellu t-total ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000), dawk bhala "*night deposit*". L-ghada, hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru ghal habta tat-tmienja nieqes kwart ta' filghaxija (7.45 p.m.) irtira dan id-deposit u hadhom f'cippi u mar jilghab. Fit-tmienja u hdax-il minuta (8.11) hadilha cekk ta' tmienja u erbghin elf ewro (€48,000), hadhom f'cippi u mar jilghab. Qalet li c-cekk kien cekk tieghu personali mahrug minn Credito Siciliano. Fid-disgha nieqes hdax-il minuta (8.49) hadilha lura cippi ghall-valuta ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) u hekk hu paca c-cekk tieghu ta' tmienja u erbghin elf ewro (€48,000). Qalet li taha ukoll hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) ohra f'cippi u b'hekk ghamlitlu win cheques li jammontaw ghal hamsa u tletin elf (35,000) u spizzjathomlu fi tlieta – tnejn fi tnax-il elf (€12,000) u l-iehor fi hdax-il elf ewro (€11,000), dejjem ghax-xelta tieghu. Qalet ukoll li dawn ic-cekkijiet kienu dejjem intestati f'isem Gaetano Caramazza. Tatu d-differenza ta' disa' mija hamsa u sebghin elf (975,000) fi flus kontanti. Ziedet illi fil-hdax nieqes ghoxrin (10.40) gabilha hamest elef lira Maltin (Lm5,000) cippi u tatu win cheque ta' ghaxart elef ewro (€10,000) plus elfejn ewro (€2,000) cash. Fil-hdax u nofs nieqes hamsa (11.25) hadilha l-"*win cheque*" ta' ghaxart elef ewro (€10,000) u tatu lura cippi ghalih. Imbaghad gie, gabilha tlett pakketti li kienet ghamlitlu hi stess tal-win cheques u gaghlha tibdilhomlu f'cekk wiehed ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) u kellha taghmlu indirizzat lil Stefano Zulian. Qalet li din l-ahhar darba meta saret din it-transazzjoni issa ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) prezenti mal-cash desk kien hemm kemm Caramazza kif ukoll Zulian. Qalet ukoll li kien Zulian li qal lil Caramazza biex nibdlu c-cekkijiet u hi taghmilhomlu f'cekk wiehed ta' hamsa

u tletin elf ewro (€35,000) u liema cekk taghmlu intestat lil Stefano Zulian. Mistoqsija ghaliex hi intestat ic-cekk fuq persuna assenti wiegbet illi ghaliex hekk qallha hu u dan nonostante li kien cekk tal-casinò u li l-persuna qatt ma kienet hemm. Mistoqsija jekk kinitx prassi li l-casinò jaghmel dan wiegbet mod skjett li lanqas qatt ma kienet harget daqshekk win cheques f'hajjitha daqs dak il-weekend. Meta l-Qorti insistiet maghha jekk hassithiex stramba li intalbet tintesta c-cekk f'isem haddiehor wiegbet hi li "hu riedni naghmel hekk, nintestah b'dan il-mod u jiena smajt minnu." Dana ghax fil-fehma taghha hija ma kinitx taf x'kien ghaddej bejn Zulian u Caramazza u hi obdiet dak li qallha Zulian u kitbet ic-cekk ta' hamsa u tletin elf ewro (€35,000) fuq Stefano Zulian.

Ziedet ukoll illi dik il-lejla gew prezentati aktar cekkijiet minn aktar gukaturi, dejjem li kienu fl-istess grupp – certu Mario Trevisani li prezenta cekk ammontanti ghall-ammont ta' ghoxrin elf ewro (€20,000), cekk personali tieghu, però li wara l-bank nizzlu bhala "insoluto". Mistoqsija x'kienet tfisser il-kelma "insoluto" qalet li jkun hemm varji ragunijiet il ghala c-cekk ma jkunx issarraf – data skorretta, girata hazina, trianza jew ikun protestat. Kompliet din Joanna Dick illi gukatur iehor Emerigo Tuccillo prezenta cekk tal-Banca Di Roma ghall-ammont ta' sitta u tletin elf ewro (€36,000). Anki dan gie ritornat lura lilhom, lil Casinò di Venezia bhala "*insolito*". Gukatur iehor Conza Enzo prezenta cekkijiet tal-Banca Di Ancona li wara irrizultaw li ma kinux isejhu lilu. Xhedet ukoll fuq cekkijiet ohra ta' certu Valenti Roberto kif ukoll ta' Vastola Giuseppe. Kompliet li irrizultalha li c-cekk li ipprezenta Vastola Giuseppe ma kienx tal-persuna li ipprezentatu li però inzerta gejt mill-istess account number ta' dak prezentat Consa Ettore, jigifieri dawn skontha uzaw l-

istess account number. Ziedet ukoll illi fl-ewwel (1) ta’ Dicembru Fabio Zulian billi irtira d-deposit li kien halla fis-sett ta’ qabel ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) gie msejjah minnha stess ghaliex kien gie l-klijent Turcillo Amerigo u prezentalha cekk ukoll ta’ Xelion Bank. Hawn qalet hi li kien deherilha li dak ic-cekk bhala kont, numru ta’ kont, kienet digà ratu u ikkonfermat li kien mill-istess account number li kellu Zulian. Tghid li sejjhet lil Zulian u qaltlu kif jista’ jkun li l-istess cekk jigi iffirmat l-ewwel minn persuna u mbaghad minn persuna ohra meta dejjem kellu l-istess numru ta’ kont. Qalet li wegibha li ma kellhiex tinkwieta u kellu jpoggi fuqu kontro firma. Hi wegbitu fin-negattiv. Qallha mela li kellha jtih cekk iehor li kien se jkollu l-affarijiet sew. Hawnhekk kien taha cekk ta’ hamsin elf ewro (€50,000) biex b’hekk hi tatu lura li kien taha Turcillo ta’ tletin elf ewro (€30,000) u ha d-differenza ta’ ghoxrin elf ewro (€20,000) f’cippi. Ziedet li aktar tard gabilha cekk iehor tal-Uni Zilion Bank issa ghall-valur ta’ mitt elf ewro (€100,000) u hadhom f’cippi. Imbaghad is-Sibt, tnejn (2) ta’ Dicembru prezenta cekk iehor tal-istess bank, cioé tal-UniCredit Zilion Bank, iehor ta’ mitt elf ewro (€100,000) u m’ghamilx izjed transactions.

Tkellmet imbaghad fuq incident li nqala’ ma’ certu Roanna D’Amico li ghalih però hi ma kinitx prezenti. Però din ghamlet kuntatt maghha u qaltilha li Zulian kien staqsiha biex tibdillu xi cippi f’win cheque u cemplitilha biex tiehu parir fuq hekk. L-ghada, din l-istess xhud tghid li ghazlet tkellem lil Zulian hi. Meta dahlet fis-sitta ta’ filghaxija (6.00 p.m.) mar dan Zulian, kellu mazz cippi ta’ elf lira (Lm1,000) f’idejh u qallha biex taghmillu win cheque. Ghal dan irrispondietu li ma setghetx taghmel hekk u l-ewwel kellu caso mai jirridimja

c-cekkijiet tieghu u hi taghmillu cekk tal-ammont izghar biex tkopri d-differenza. Tghid li kien hawn li Zulian qabad cippa ta' elf lira (Lm1,000) u ghamilhielha fuq id-desk. Qalet li hu fil-fatt qabad cippa u minn idejha hallihielha fuq il-cash desk, il-cash desk li hi kienet warajh. Tghid li hu qabad ic-cippa, nizzilha fuq il-counter u ressaqha lejha u qallha biex taghmillu "*win cheque*". Ix-xhud qalet li hi qabdet dik ic-cippa, irritornatha lura lejh u qaltlu li dawn l-affarijiet ma setghet taghmilhom ghax inkella kien ikun kaz ta' "*money laundering*". Qalet li meta qaltlu hekk hu qabad u telaq. Ziedet li aktar tard dak il-lejl l-istess Zulian sarraf cekk iehor ta' mitt elf ewro (€100,000).

Fir-rigward ta' Gaetano Caramazza ukoll spjegat li fl-ewwel ta' Dicembru ghal habta tas-siegha ta' filghodu (1.00 a.m.) ghamel cekk ta' mitt elf ewro (€100,000) u hadhom f'cippi. Dan kien cekk ta' Credito Siciliano fit-tnejn (2) ta' Dicembru fit-tlieta ta' waranofsinhar (3.00 p.m.) u fis-sitta ta' filghaxija (6.00 p.m.) ghamel zewg transazzjonijiet ohra ta' mitt elf ewro (€100,000) il-wahda imbaghad fil-hdax ta' filghaxija (11.00 p.m.) tas-Sibt mar Zulian u taha zewg assegni circolari ta' hamsin elf ewro (€50,000) il wiehed tal-Banca di Credito Popolare u qallha biex tnaqqashom mill-ammont ta' Caramazza. Jigifieri hu li kellu standing maghna ta' tlett mitt elf ewro (€300,000) nizzilulu ghal mitejn elf ewro (€200,000). Ghal dan Fabio Zulian prezentalha zewg assegni circolari tal-Banca di Credito Popolare ta' hamsin elf ewro (€50,000) il wiehed. Dwar il-kumplament tal-mitejn elf ewro (€200,000) issa li kien fadal dejjem jiddebitaw lil Caramazza qalet li dak il-hin mar klijent iehor bl-isem ta' Riemma Michaele. Dan il-klijent ghamel zewg transazzjonijiet tieghu bil-credit card imbaghad ghamel cekk personali ta' mitt elf ewro (€100,000)

u irtirahom f’cippi u fl-istess hin Zulian taha tlett (3) cekkijiet ohra assegni circolare, dejjem tal-istess bank, u dejjem ta’ valuta ta’ hamsin elf ewro (€50,000) il wiehed, u qallha biex taghti cekk personali lura lil Riemma u taghtih assegni circolare u l-iehor bil-hamsin elf li kien baqa’ taghtih cippi lil Riemma biex ikompli jilghab. Ghal dawn it-transazzjonijiet qalet li kien hemm prezenti Fabio Zulian, Caramazza, Riemma u anke il Signor Orlandi. Qalet li fir-rigward ta’ tlett mitt elf ewro (€300,000) transazzjonijiet maghmula minn Caramazza hi gabet l-awtorizazzjoni tal-administrator Signor Orlandi. Ziedet però li hi gabet l-awtorizazzjoni minghand is-Sur Orlandi fuq l-ewwel mitt elf ewro (€100,000) biss u kienet il-kaxxiera Roanna D’Amico li ghamlet iz-zewg transazzjonijiet l-ohrajn minnha msemmija.

Dwar il-klijent Vastola qalet illi dan prezenta cekkijiet tal-Banca Popolare di Ancona u irrizultalha li prezenta cekkijiet li ma kinux tieghu. Qalet li din l-informazzjoni huma kienu gabuha mill-bank Taljan meta dawn ic-cekkijiet gew biex jigu cleared u gew sussegwentement lura. Il-klijent Conza Ettola prezenta cekk l-ewwel cekk ta’ tnax-il elf ewro (€12,000) li kien win cheque tal-Casinò di Venezia stess mirbuh mill-gimgha ta’ qabel liema cekk però kien inghata lil certu Pinataro Antonio. Ghalhekk hu gie qed jipprezenta cekk f’isem haddiehor. Qalet però li c-cekk kien taghhom stess. Però iktar tard ghamel cekkijiet dejjem tal-Banca Popolare di Ancona li però ma kinux cekkijiet li kienu hergin minn kont tieghu. Qalet ukoll li Tuccillo Americo li kif digà kienet xehedet beda billi irridimja ukoll tnax-il elf ewro (€12,000) win cheque ta’ Piniataro Antonio mill-gimgha ta’ qabel u kien involut fl-istorja tal-kont tal-account number ta’ Zulian. Xehedet ukoll fuq certu Anidolfi Antonio li prezenta win

cheque issa ta’ Piniataro Antonio imma cekk kien minn tal-gimgha ta’ qabel. Imbaghad ma ghamel xejn iktar. Certu Gallo Antonio irridimja win cheques tieghu stess mill-gimgha ta’ qabel. Kellu tnejn ta’ ghaxart elef ewro (€10,000) il wiehed. Xehedet fuq certu Scudieri li beda ukoll billi irridimja l-win cheque tieghu ta’ mill-gimgha ta’ qabel. Merola Michele beda b’ammont ta’ tnax-il elf u hames mitt ewro (€12,500) u m’ghamilx transazzjonijiet ohra ta’ cekkijiet. Piniataro Antonio, skontha, irridimja win cheques wiehed biss u dan ukoll biex jilghab. Semmiet ukoll lil certu Piraniano Francesco Fauro li ukoll kien prezenta win cheque li kien rebah il-gimgha ta’ qabel.

**Dwar in-nies li prezentaw kontanti qalet dawn in-nies kienu dawk biss li fil-fatt rebhu. Min prezenta c-cekkijiet dejjem tilef. Spjegat dwar dan illi n-nies kollha li tawha cash spiccaw ghamlu rebh u kellha infatti taghmel iktar “*win cheques*”. Dawk kollha li min-naha l-ohra ipprezentawlha cekkijiet tilfu, tilfu jigifieri c-cekkijiet li kienu prezentawhom hallewhom hemm, hemm, cioé mal-Casinò di Venezia (enfasi tal-Qorti).**

Wiegbet in kontro ezami ta’ Dottor Brincat ghal Fabio Zulian, wiegbet lil Dottor Joseph Brincat li l-credit rating ta’ Fabio Zulian kien ordnat mill-amministratur Fernando Orlandi. Qalet ukoll li meta Zulian prezenta l-hames (5) circolari Orlandi kien prezenti hdejh ghax kien qed jivverifika l-kwalità tal-karta jekk kinitx awtentika jew le. Fuq suggeriment tal-avukat difensur dwar dak li qalet fix-xhieda taghha li min prezenta cash rebah u min prezenta cekkijiet dejjem tilef, id-Difiza staqsietha jekjk f’casinò ma setax jigi pilotat it-telf u

cioé li bniedem ma setax imur b'bank draft jew cekk u jippilota li se jitlef, hi wiegbet seta' jigri dan ghax jinghataw ic-cippi lil haddiehor. Spjegat illi haddiehor jghaddi c-cippi u haddiehor isarrafhomlok. Issuggeriet illi dan l-iskambju tac-cippi seta' jigi ikkontrollat minn fuq il-video cameras. Ikkonfermat ukoll illi meta Zulian taha z-zewg assegni circolari, iz-zewg cekkijiet, ta' mitt elf ewro (€100,000) komplessivi bejniethom, hu ma hax lura flus mieghu u lanqas cippi. Mistoqsija dwar il-credit rating qalet li dan ma kinex kompetenza taghha. Ziedet illi meta l-Casinò Di Venezia jigi moghti cekk huma ma jivverifikaw xejn fuq l-istess cekk cioé l-casinò dak il-hin ma jivverifikax imma jzomm fotokopja tal-istess. Qalet ukoll illi ma din il-photocopy huma kienu jannettu d-dettalji tal-persuna li ipprezentat l-istess cekk u l-informazzjoni kienet tinzamm b'dan il-mod. Mistoqsija mill-avukat difensur l-iehor tas-Sur Zulian, issa Dottor Stefano Filletti, kemm-il darba kienet rat lil Zulian fil-casinò wiegbet fil-weekend ta' bejn it-tlieta u ghoxrin (23) u l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru u dak bejn it-tletin (30) ta' Novembru u t-tlieta (3) ta' Dicembru. Qalet li kienet ilha tahdem fil-Casinò Di Venezia mill-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u wiehed (2001) u li Orlandi kien ilu jahdem hemmhekk minn Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006). Dwar Orlandi u Zulian qalet li hi rathom flimkien xhin kienu quddiemha mal-cash bank. Ziedet ukoll li kien Signor Orlandi li fil-konfront ta' Zulian awtorizza l-hrug ta' kreditu favur Zulian mhux kopert. Qalet li però li dan il-credit gie mifdi dik is-serata stess bir-rebh ta' Zulian. Dwar ic-cekkijiet li nhargu mill-istess kont prezentati kemm minn Zulian u minn Tucillo ikkonfermat li dawn gew korretti minn Zulian u li Tucillo ma regax prezentalha ebda cekk iehor. Mistoqsija ghaliex dwar dan però avvicinat lil Tucillo u mhux lil Zulian wiegbet li dawk ic-cekkijiet kienet rathom biss f'idejn Zulian. Qalet

ukoll li c-cekk li hargilha gdid Zulian biex ikkorega dak li kien taha Tucillo kien ukoll mahrug minn fuq l-istess kont li fuqhom kienet ghokritha ghajnejha. Dwar il-post dated cheques li rceviet ziedet illi meta lil dawn il-klijenti gibditilhom l-attenzjoni li dawn kienu hekk iddatati wegbuha li huma kienu jafu kif setghu jkunu jistghu jhallsu. Ziedet dwar ic-cekkijiet li hi setghet biss taccetta cekkijiet b’awtorizazzjoni tas-Signor Fernando Orlandi b’dan illi kull cekk li kien qed jigi ipprezentat lil Casinò Di Venezia sar dan bil-barka tal-amministratur, ikun x’ikun l-ammont. Qalet ukoll li però qatt ma kellhom ammonti daqshekk kbar qabel prezentati. Dwar ic-cekkijiet li gew ipprezentati lilha qalet li dawk kienu cekkijiet ta’ banek li hi kienet taf. Prezentat ic-cekkijiet li kienet qed tixhed fuqhom bhala dokument JD. Ikkonfermat li dawn kienu cekkijiet li gew prezentati minn Fabio Zulian fil-Casinò Di Venezia. Giet mitluba taqra ukoll id-dati mnizzla fuq l-istess cekkijiet rispettivament it-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Dicembru elfejn u sitta (2006), tmienja u ghoxrin (28) ta’ Frar elfejn u sebgha (2007) u sitta (6) ta’ Dicembru elfejn u sitta (2006). Ikkonfermat li dawn kienu cekkijiet li sa dakinhar tad-data tax-xhieda kienu ghadhom ma skadewx. Ikkonfermat ukoll li abbazi ta’ dawn ic-cekkijiet is-Sur Zulian gie moghti cippi. Ikkonfermat li Fabio Zulian ghalkemm kien prezenta hafna cekkijiet f’ammonti kbar kien tilef u li dakinhar Fabio Zulian kien hareg bid-dejn mill-casinò. Dwar il-fatt li accettat post dated cheques qalet u iddifendiet il-pozizzjoni taghha billi xhedet illi d-data imliha l-klijent innifsu cioé imliha s-Sur Zulian innifsu u ghamel dan meta ghalaq il-pozizzjoni tieghu mal-cash desk. Ziedet li c-cekk imtela quddiemha. Qalet li l-ghada li gew il-post dated cheques f’idejha hi qalet lil Orlandi. Mistoqsija dan x’qallha wiegbet li xejn. Esebiet din ix-xhud id-dokument JD1 tat-transazzjonijiet li kienet ghamlet hi personali u li fuqhom

kienet ghadha kif tiddeponi. Xhedet ukoll illi s-Signor Orlandi kien qallha illi jekk xi hadd minn Caramazza jew Riemma kienu jehtiegu aktar flus, dwar dan kellha issaqsi lis-Sur Zulian.

**Joanne Dick** regghet xehdet aktar tard f'dawn il-proceduri. Ezebiet il-"*win checks*" li l-Casino di Venezia hareg fi tliet (3) weekends, in partikolari ghall-grupp migjub minn Nevio Barut. Xehdet illi l-ewwel win cheque inhareg fl-ewwel weekend li kienu gew, meta kienu marru, dejjem il-Casino, ftit minnhom biss. Dan hareg fil-weekend ta' bejn is-16 u t-18 ta' Novembru. Dan rega' ttiehed biex jintuza ghall-loghob il-weekend ta' wara, inhareg fuq Gallardi Ariante Carolina dan gie ezebit bhala Dok JD.

Xehdet illi fil-weekend successiv, jigifieri fit-23 sal-25 ta' Novembru, saru varji win cheques. Kien hemm minnhom li gew redeemed wara, meta regghu marru jilaghbu. JD1 kien dak li sejjah Antonio Gallo; iehor mahrug fuq Gaetano Caramazza, li kien gie redeemed Dok JD2; iehor fuq Adinolfi Antonio JD3; iehor fuq Scuderi Giuseppe Dok JD4; Zulian Stefano Dok JD5; Gallo Antonio redeemed Dok JD6; Valenti Roberto Dok JD7; Piniataro Antonio Dok JD8, dan issued and redeemed; Pirano Francesco Paolo Dok JD9, mhux imhallas; Scuderi Giuseppe Dok JD10 issued and redeemed Dok10; Melola Michele Dok JD11; Adinolfi Antonio imhallas Dok JD12; Gallo Antonio Dok JD13 imhallas; Piniataro Antonio Dok JD14; u Dok JD15.

Qalet illi dawn in-nies li semmiet fil-konfront tal-win cheques kienu kollha fil-grupp ta' Nevio Barut. Ezebiet ukoll win cheques ohra Dok JD16, skondtha ta' nies li ma kinux fil-grupp ta' Barut; Dessimano Giuseppe u Leordino Alfredo.

Qalet dwar in-nies imsemmija li dehru jitkellmu flimkien, u anke jaghmlu skambju ta' cash bejniethom. Qalet illi l-weekend ta' wara, meta gew arrestati Zulian, Caramazza, u Barut, dawn in-nies imsemmija kienu kkancellaw il-flight. Qatt ma regghu tfaccaw. Cemplu biex jghidu li kienu ser jikkancellaw meta l-arrest kien gia' sar.

In kontro ezami mill-Avukat Difensur ta' Zulian Dr Joseph Brincat, qalet dwar iz-zewg (2) cheques prezentati - wiehed mahrug fuq Zulian Fabio u l-iehor fuq Stefano Zulian, illi kien jidhrilha li wiehed (1) biss kien gie msarraf – dak tal-hamsa u tletin elf Ewro (€35,000) – ghamlet hawn referenza ghal dokument JD5. Xehdet illi dak tat-tlieta u tletin elf Ewro (€33,000) ma kinx gie mhallas. Qalet illi kien il-klijent Piriano Francesco li kien gieghlha tikteb dan ic-cekk fuq Zulian. Dan baqa' ma ssarrafx.

Dwar il-win cheques mahruga fuq Caramazza xehdet li dawn kienu gew redeemed mill-istess ko-imputat dak iz-zmien. Dawn gew minnha ezebiti bhala Dok GG – GG4.

<u>**Bernard Storace**</u> wkoll impjegat mal-Casino in kwistjoni, minn naha tieghu kkonferma biss illi kien inqala' incident fis-sena 2006 mal-mejda tal-punto banco li kien jinvolvi lic-chief cashier Jonane u l-owner Taljan tal-Casino, skondtu Orlandi.

<u>**Marisa Maio**</u> li kienet fis-sena 2006, Novembru, Dicembru, tahdem mal-Casino Di Venezia mal-hospitality. Xogholha kien li ggib il-junkets, tibbukkja flight tickets, accommodation, tirranga t-transport. Qalet biss illi tiftakar biss l-arrest. Ftakret biss illi dawn kienu gia' gew weekends qabel. Ftakret biss illi lill-imputati (dejjem qabel is-

separazzjoni tal-gudizzju), allura wkoll lilll-imputat hi kienet ibbukkjatilhom il-biljett.

**Dr Adrian Cefai** qal illi marru tliet (3) Taljani l-ufficju dwar problema li kellhom bic-cekkijiet tal-Casino di Venezia li ma kinux gew imsarrfa mill-Bank of Valletta. Semma lil certu Gallo, li kienu cekkijiet ghall-ammont komplessiv ta' mitejn u sebgha u sittin elf Ewro (€267,000). Skondtu dawn il-klijenti qalulu li dawn ic-cekkijiet ma ssarrfux minn naha tal-Casino. Zied dan illi meta hu kellem lill-Bank of Valletta Manager, sar jaf li l-Casino ma kellux bizzejjed flus fil-kont. Aktar tard, meta kellem lill-Casino di Venezia, qalulu li kienu ser jiddepozitaw il-flus biex ic-cekkijiet jigi onorati. Ezebixxa c-cheque images in kwistjoni a folio 3558. Aktar tard gie anke nfurmat illi dawn iz-zewg cekkijiet kienu gew imblukkati fuq talba tal-Casino ghax dawn ghamlu xi rapport u baqghu dawn ssarrafux.
Zied illi aktar tard anke sar sekwestru fuq il-kontijiet tieghu ghax gie akkuzat illi kien involut biex jigi difrodat il-Casino.

Xehdet **Antonella Gambato**, l-administration executive tal-Casino di Venezia. Xehdet din dwar verifici li ghamlet ma' banek esteri fir-rigward ta' cekkijiet u assegni cirkolari li kellhom jigu mibghuta f'banek Taljani.
Dwar il-bank drafts xehdet illi dawn kienu tal-Banco di Credito Popolare indirizzati lil Vittoriosa Gaming; qalet illi l-bank esteru rrisponda li dawn kienu misruqa. Ezebiet dwar dan kopja ta' denunzja li rceviet mill-Banca Commerciale San Marinese, ezebiet din il-kwerela dwar dan is-serq bhala Dok AG (recte AG1), folio 303 – 307.
Fil-konfront ta' cekkijiet mahruga minn kontijiet kurrenti, irceviet risposta mill-Banca Commerciale San Marinese permezz ta' email. Xehdet illi dawn kienu cekkijiet ta' Xelion

Banca li rrizultaw skondtha li hargu fuq kont kurrenti li kien diga’ maghluq fis-sena 2006 u li dawn kienu ndirizzati lil persuni differenti minn dawk identifikati minnhom; cekkijiet ohrajn tal-Banca Popolare di Ancona di Noto saru fuq isem ta’ xi hadd differenti minn dik indikata. Qalet illi cekkijiet ohra tal-Credito Siciliano ma gewx verifikati ghax ma rnexxielhomx jikkuntattjaw il-persuni li jirrigwardjahom. Ezebiet id-dokument Dok AG2 dwar dan.

Giet murija ghalhekk id-dokumenti Dok AM1 folio 145, 146, 147, ezebiti mill-Ispettur Antonovitch Muscat. Ikkonfermat illi dawn kienu parti mid-dokumenti li baghtet ghall-verifika.

Giet murija Dok AM2 a folio 148, 149, 150, 151 u 152 – anke dawn ikkonfermat li saret il-verifika fuqhom. Giet murija wkoll id-dokumenti JD a folio 241 (prezentati minn Joanne Dick). Ikkonfermat illi vverifikat dawn ukoll mal-bank esteru.

Ikkonfermat illi xogholha kien illi tiehu hsieb tal-administration tal-accounts section. Qalet illi l-Casino kien jahdem mal-Banca Commerciale San Marinese. Qalet illi c-cekkijiet li dwarhom kien hemm kwistjoni kienu kollha mahruga minn banek Taljani.

Dwar il-bank drafts qalet illi dawn tathomlha l-kaxxiera, pero ma kinitx taf minghand min gew prezentati. Ziedet illi kienet taf illi l-assegni cirkolari kienu misruqa ghax irceviet hekk informazzjoni mill-banek esteri – din informazzjoni li rcievet mill-Banca San Marinese. Qalet ukoll illi ma kellha ebda nformazzjoni minn xi awtorita’ gudizzjarja jew polizzjeska Taljana dwar xi investigazzjoni formali dwar xi reat, dejjem koncernanti c-cekkijiet.

Qalet illi hi rat l-original ta’ zewg (2) cekkijiet – dak ta’ Xelion Bank ta’ tletin elf Ewro (€30,000) u iehor tal-Banco Popolare di Ancona ta’ hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000). Dwar ic-cekkijiet l-ohrajn qalet illi dawn qatt ma kienu waslu ghandha ghall-clearance. Dawk ic-cekkijiet li hi rrikonoxxiet kellhom miktub fuqhom il-kelma “*transferred*” (Dok AG4). Ikkonfermat illi d-Dok AG2 pagna 4, ic-cekk hemm indikat kellu jissarraf fis-6 ta’ Dicembru, pero qalet illi gie ‘versato’ fl-4 ta’ Dicembru. Qalet illi hi kienet taf illi dan ma ssarrafx ghax ghamlet il-verifici meta dan gie lura mill-Banca Commerciale San Marinese. Baqghet insistenti li hi ma kinitx taf min prezenta dan ic-cheque fil-Casino.

Dwar ic-cekk dejjem formanti parti minn Dok AG2, issa a folio 9, li kellu jissarraf fl-10 ta’ Dicembru, ikkonfermat illi anke dan gie versat fl-4 ta’ Dicembru. Ma kinitx taf kinitx prattika tal-Casino li solitament jircievi cheques post dated. Xehdet illi kienet l-ewwel darba li ghamlet dawn il-verifici mal-bank kemm fir-rigward tac-cheques, kif ukoll tal-bank drafts – dan fuq suggeriment ta’ Orlandi.

Xehed ukoll **<u>PC 1116 Timonty Zammit</u>** stazzjonat dan mal-Economic Crimes.
Xehed illi in esekuzzjoni tal-mandati ta’ arrest, ghamel frisk search fuq tliet (3) individwi – Nevio Barut, Gaetano Caramazza. Qal illi fuq il-persuna ta’ Barut instabu xi bank drafts, filwaqt illi fil-pussess ta’ Caramazza nstabu xi personal cheques. Ikkonferma l-istqarrijiet rilaxxati - f’dan il-gudizzju li tinteressana hija dik ta’ Fabio Zulian a folio 117 tal-process, l-imputat odjern.

Ezebixxa wkoll dokumenti ta’ informazzjoni li tahom il-Casino – ritratti u nformazzjoni ta’ ndividwi Barut Navio,

David Brincat, prezenti ghal tliet (3) weekends, Zulian prezenti ghat-tieni u t-tielet weekend, u Caramazza prezenti ghal tliet weekends – ezebiehom dawn bhala Dok Z, folio 434 – 436.

Xehdet **Rowena D'Amico**, kaxxiera tal-Casino di Venezia. Qalet illi fit-2 ta' Dicembru, 2006 kienet xoghol wara nofsinhar bejn l-4.00pm sal-4.30pm, mar fuqha Zulian li kellu mazz ampju f'idejh u qallha biex taghmillu win cheque. Dan, nonostante li qaltlu li ma tistax, baqa' skondtha jinsisti maghha. Ziedet illi minhabba hekk cemplet lil Joanne Dick li qaltilha biex tistenna sakemm hi tmur xoghol filghaxija. Qalet li meta dahlet xoghol Joanne, Zulian mar ikellimha, dejjem fil-presenza tax-xhud. Qalet illi din Joanne spjegat lil Zulian li ma setghetx taghtieh win cheque ghax dan kien jikkostitwixxi money laundering, u li l-ewwel kellu jiehu c-cekkijiet tieghu lura.
Qalet ukoll illi dan qabad cippa u ressaqha lejn il-cash desk, lejha. Din Jonanne qabditu, imbuttatu lura, u qaltlu li ma tistax taccetta u resqet lura. Ziedet illi f'dawn iz-zewg okkazjonijiet Zulian mar wahdu. Dan gara fit-tieni weekend.
Xehdet ukoll illi f'dan l-istess weekend, Zulian mar ghandha darbtejn ohra biex hi ssarraflu cekk ta' Caramazza. Xehdet illi dan Zulian qallha biex issarraf ic-cheque ta' Caramazza. Cemplet lil Fernando Orlandi li qallha li kien all right ghal Zulian, li setghet issarraf. Hekk ghamlet. Kien cekk ta' mitt elf Ewro (€100,000).

Ikkonfermat illi f'zewg okkazjonijiet irceviet cekk ta' mitt elf Ewro(€100,000)-il wiehed, pero mid-dokumenti ezebiti ma setghetx taghraf wiehed minnhom. Qalet pero, illi kull darba li mar Zulian, mar Caramazza mieghu, pero ghaliha kienu cheques ta' Caramazza, tahomlha dan.

In kontro ezami nsistiet illi meta mar isarraf ic-cekkijiet Caramazza kien ikkonferma ghalih Zulian. Ma kinitx taf bejn Zulian u Orlandi kinx hemm hbiberija.

**Richard Vidal** minn naha tieghu xehed illi kien security and surveillance manager fil-Casino in kwistjoni. Spjega li x-xoghol tieghu kien jikkonsisti li jiehu hsieb is-security u surveillance, osservazzjoni ta’ ligijiet, recording ta’ kollox bil-ligi ta’ kull gimgha. Qal illli dwar dan il-kaz kien gie dirett minn Orlandi li jiccekkja l-loghob u jivverifika r-rizultati tal-imwejjed ghall-perjodu mit-30 ta’ Novembru, sat-3 ta’ Dicembur, 2006, mill-Hamis sal-Hadd, fil-konfront tal-imwejjed tar-Roulette, Black Jack, u Punto Banco. Minhabba li kellhom suspett, qal illi bdew jivverifikaw il-loghob.
Dwar il-ftuh tal-Casino, xehed illi fit-30 ta’ Novembru, il-Hamis, fethu fis-6.00pm u ghalqu bejn l-4.00am u l-5.00am. Il-Gimgha l-istess hin ta’ ftuh; ghalqu fil-5.00am. Is-Sibt fethu fit-2.00pm u regghu ghalqu fis-6.00am.

Fehem illi l-loghob ta’ Caramazza u Zulian ma kien jaqbel xejn mal-cash desk bhala rebh jew telf. Qal dwar ir-rebh ta’ Zulian illi l-Hamis, 30 ta’ Novembru, dan fuq loghob ta’ zewg roulettes u black jack, kien rebbieh ta’ tlettax-il elf u sitt mitt Lira Maltin (Lm13,600.00).
Il-Gimgha, l-1 ta’ Dicembru, dan laghab fuq black jack u punto banco. Irrizultalu li tilef erbat elef disa’ mija u hamsin lira Maltin (Lm4,950.00).
Is-Sibt, dan laghab fuq roulette, black jack u punto banco. Hawn, fit-2 ta’ Dicembru, kien skondtu tellief ta’ tmint elef erba’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm8,475.00). Qal illi fit-total ta’ kollox gie rebah elfejn mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm2,175.00).

Meta vverifika dan mal-cash desk, Zulian irrizultalu li tilef. Xehed illi hu mill-filmati seta’ jivverifika l-loghob ta’ Zulian, bhala rebh u telf seta’ jghid illi dan kien rebah elfejn mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm2,175.00).

Dwar il-loghob ta’ Caramazza, ikkonferma mill-filmati li fl-1 ta’ Dicembru, tilef disat elef u hames mitt lira Maltin (Lm9,500.00); mentri fit-2 ta’ Dicembru, is-Sibt, b’kollox rebah tlettax-il elf u hamsin lira Maltin (Lm13,050.00).
Irrizultalu mill-filmati illi fi tliet okkazjonijiet kien ghadda c-cippi lil haddiehor, fosthom lil certu Piriano. Qal ukoll illi dan Piriano ta anke cippi lil Caramazza ta’ elf lira Maltin (Lm1,000.00)-il wahda – hawn il-loghob kien fuq punto banco. Xehed fuq okkazjonijiet ohra fejn dan ghadda aktar cippi lil Caramazza.

Osserva wkoll tliet (3) gukaturi ohra – Mazocci Gianluca, Leardini Alfredo, u Dr Simone Giuseppe. Hawn anke jghid li ra lil certu Paterniti jghaddi cippi ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500.00)-il wahda lil Dr Simone, u dan tah lura kontanti f’Ewro.
Xehed illi dawn il-verifici ghamilhom fuq talba ta’ Orlandi ghax dan qallu li kellu xi suspetti fuq xi cekkijiet.
Ezebixxa l-video tapes bhala Dok RV u Dok RV1 fir-rigward ta’ Fabio Zulian; Dok RV2 rigward Mazocci Gianluca; Dok RV3 Leardini Alfredo; Dok RV4 Paterniti u Dr Simone; Dok RV5 tnax(12)-il VHS cassettes; u Dok RV6 kaxxa ohra kontenenti hmistax(15)-il VHS cassette – dawn rigwardanti l-loghob li kien qed jixhed fuqu.
Qal ukoll illi dawn it-tapes ma kinux editjati, li kienu kollha originali.

Dwar min prezenta l-assegni circolari, qal illi dan sar minn Fabio Zulian.

In kontro ezami kkonferma fis-sustanza li min ikun rebah, l-ewwel ma jinghata lura huma c-cheques tieghu; sussegwentement jinghata d-differenza.

Qal illi hu l-ezami li ghamel kien il-loghob li sar fuq l-imwejjed, ma setax jghid kull gukatur x'dahhal mieghu bhala flus. Qal illi hu ma analizzax il-cash desk. Analizza biss l-imwejjed u minn hemm seta' janalizza x'intrebah jew intilef. Sa hawn kien qed jixhed in kontro ezami mid-Difiza ta' Fabio Zulian.
Aktar tard ezebixxa ammont ta' sitt mija u hamsa u hamsin (655) tape tal-weekend, tal-Hamis, il-Gimgha, is-Sibt, u l-Hadd – dawn rapprezentanti l-coverage tal-Casino kollu, ta' kull camera li kien hemm, gewwa u barra kull parameter ta' kullimkien, erbgha u ghoxrin (24) siegha shah kuljum.

Xehed **<u>Fernando Orlandi</u>**, direttur tal-Vittoriosa Gaming Ltd. Qal illi kien ilu direttur mis-sena 2006. Qal illi f'Novembru, 2006 gie avvicinat minn xi gukaturi Taljani sabiex dawn jigu jilaghbu fil-Casino di Venezia; gie kkuntattjat minn Nevio Barut. Dan talbu li jidhlu f'korraborazzjoni mill-Casino f'Malta; qallu li kien dealer f'Casino di Port Rose fi Slovenia; illi kien lest jorganizza vjaggi ghal dawn il-gukaturi f'Malta. Qal illi dan Barut gie Malta fl-ewwel weekend ta' Novembru mill-10 sat-12 ta' Novembru, ma' zewg sinjuri ohra li hu pprezenta bhala gukaturi. Tkellmu fuq it-tip ta' rapport illi kellhom jaghmlu flimkien.
Tkellmu anke fuq licenzji li kienu bzonnjuzi mill-Malta Gaming Authority, bdew jithadtu bejniethom dwar il-kundizzjonijiet ta' *junketeer* mal-Casino, ghalhekk tkellem

fuq il-commission li kellu jircievi Barut fuq flus li jigu mibdula fil-Casino. Ghadda l-ewwel weekend b'dawn iz-zewg gukaturi li Barut kien ha mieghu u baqghu miftehma hu u Barut li l-weekend ta' wara kellu dan jiehu klijenti godda l-Casino.
Qal illi nel frattemp hu beda l-proceduri biex jottjeni l-licenzja necessarja mill-Gaming Authority.

Qal illi l-weekend ta' wara dan Barut gie Malta b'sitta (6), sebgha (7), jew tmienja (8) minn nies, ix-xhud hawn kien assenti minn Malta. Kienet anke assenti mill-Casino l-persuna nkarigata mill-cassa – Dick. Qal illi f'dan il-weekened Barut gab mieghu lil Giuseppe Vastola li kellu mieghu s-somma ta' tlitt mitt elf Ewro (€300,000) kontanti li bidel mal-cassa tal-Casino – dan x'sar jaf wara. Sar jaf ukoll illi oltre dan, Vastola anke sarraf cheque ta' tletin elf Ewro (€30,000) u staqsa lill-cassa biex ma ssarrafx mill-ewwel imma tistenna sal-weekend successiv.

Tkellmu fuq il-weekend tat-23 ta' Novembru fejn Barut wasal Malta flimkien ma' Zulian. Dwar dan Barut qallu li kien gukatur kbir. Qal illi fl-24 ta' Novembru, gie msejjah mill-cassa fejn qalulu li dan Zulian ma kellux kontanti imma kien qallhom illi kellu *assegni circolari* li kien nesa fil-lukanda. Ix-xhud issuggierlu li kellhom jaghtuh karozza u jmur igib dawn, pero Barut ikkonvincieh li kien ra l-hamsa minn dawn l-*assegni circolari* – dawn skondtu ghall-ammont ta' hamsin elf Ewro (€50,000)-il wiehed. Qallu li dawn vera kien nesiehom gol-lukanda. Hawn Orlandi qal illi kkonceda li jaghtuh kreditu ghal bankdraft wiehed, ghalhekk taw lil Zulian b'hamsin elf Ewro (€50,000) fische. Zulian mar jilghab. Qal illi fl-24 wasal lura Malta, fittex lil Barut u talbu jara dawn l-*assegni circolari*. Tah hin sal-4.00. Ta' dan l-ultimatum lil Barut. Qal

illi fil-fatt gie muri dawn l-assegni "*hu kkonstata li kienet karta vera u ta l-go-ahead*" li Zulian seta' jilghab trankwillament.

Qal illi l-Hadd jaghlqu l-weekend, qal illi sa hawn ma kinx jaf kemm kien minn taht Zulian. Nel frattemp zied illi Vastola, u Zulian ghamlulu offerta li jakkwistaw ishma tal-Casino. Semmewlu lil certu Pagani, id-Direttur Generali tal-Casino di Venezia, Venezia; u dirigenti ohra. Qalulu, nonostante li hu baqa' nsistenti li dan ma kinx hekk, illi l-Casino di Venezia, Venezia, ried ibiegh erbghin fil-mija (40%) mill-ishma. Riedu jidhlu f'dan in-negozju. Issuggerielhom dan ix-xhud illi huma kellhom jibdew iressqu klijenti lejn il-Casino di Venezia f'Malta, u li jidhlu f'din il-kollaborazzjoni u ta' dawn il-klijenti kienu jiehdu skont ta' hamsin fil-mija (50%) tal-ispejjez. Xehed illi Vastola u Zulian hargu barra jitkellmu u baqghu li kellhom jithadtu izjed.
Qal illi ftakar illi hallielu l-*assegni circolari* bhala sodisfazzjoni tat-telf tal-weekend - dawn skontu thallew minn Zulian u Vastola. Ghalih dawn kienu forma ta' garanzija. Qal illi l-ghada, it-Tnejn, ircieva telefonata minghand certu Carlo Cardinali li kellu hdejh xi gukaturi li kienu qed jilmentaw li ma hallsuhomx tar-rebh. Skontu kienu nhargu cekkijiet ta' dan ir-rebh illi setghu jigu msarrfa.

Qal illi wasal il-weekend tat-30 ta' Novembru, hawn kellu jasal Malta Zulian. Qal illi kellhom opening ta' "*Skamps Wine Bar*" fil-Casino u ried li minhabba l-kollaborazzjoni li kienet mahsuba bejniethom, illi dawn ikunu prezenti biex isir parti mit-tessut tal-Casino. Qal illi dik il-lejla Zulian laghab u rebah madwar ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000.00). Il-Gimgha ta' wara, l-1 ta' Dicembru, waslu skondtu l-ohrajn kollha, xi ghaxra minn nies fosthom anke Caramazza, Adinolfi, Sauderi,

Gallo, Conza. Qal illi hu ma kinx il-Casino ghax ma kinx qed ihossu sew, pero avza lit-tfajliet tal-cassa illi kienu Vastola u Zulian li kienu jafu lill-gukaturi mhux Barut, li kellhom jirreferu dwar l-affidabilita' tal-gukaturi meta jkunu ser issarrfu xi cheque (fil-fische) lil Zulian u Vastola. Qal illi filghaxija kien anke qed jiekol ma' Pagani, id-Direttur Generali tal-Casino di Venezia. Qal illi hin minnhom avvicina l-mejda taghhom Zulian u sellem lil dan. Dan Pagani qallu biss biex ma jaghtihx hafna credit lil Zulian. Qallu li maghhom kien qed jahdem bil-bankdrafts.

Meta nizel fuq il-floor wara l-ikel, certu Miglianic li kien il-Capo Ispettore, qallu li kien tilef il-kontroll tas-sitawzzjoni, li ma kien qed jifhem xejn. Qallu li l-Casino kien qed jirbah, kienu pero kostretti jqieghdu izjed fische fuq l-imwejjed, fische ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000.00). Qallu kif jista' jkun li qeghdin nerbhu, pero qed nohorgu aktar fische? Prova jifhem x'kien qed jigri, pero bosta mill-gukaturi skondtu sparixxew. Hawn qal illi kien qed jirreferi ghall-gukaturi li kienu gabu Zulian u Vastola. Qal illi l-gukaturi bdew jitilqu l-imwejjed darba li hu beda jhares lejhom. Qal illi kien jaf li Zulian kien halla assegni circolari fl-ammont ta' mitejn u hamsin elf Ewro (€250,000). Is-Sibt waslu tliet (3) klijenti mibghuta minn Zarb u Cardinali, dawn hadu win cheques ghall-ammont ta' erbghin elf Ewro (€40,000) u sittin elf Ewro (€60,000).

Xehed ukoll illi t-Tnejn gie msejjah minn Antonella Gambato li nfurmatu li xi grupp mill-gukaturi kienu baqghu Malta, illi flimkien ma' Avukat Malti kienu qed jippruvaw isarrfu l-win cheques, dawn kienu akkumpanjati mill-Avukat Cefai. Hallas minn dawn il-Casino mija u tnejn u sebghin elf Ewro (€172,000), u ghalhekk ma kinx baqaghlu kontanti biex jonora

l-kumplament tal-win cheques. Qal illi hu kellem lil dan l-Avukat biex izomm it-tisrif tac-cheques sakemm hu jitkellem mal-bank ta' San Marino biex jibaghtu l-flus.

Qal illi minhabba l-ghagla biex isarrfu c-cekkijiet, skondtu mhux solita minn gukaturi, lilu qamlu suspett u vverifika fuq il-bankdrafts imhollija minn Zulian. Dan li kellu jivverifika certu Stefano, qallu li f'Torino ma kinitx tezisti l-Banca di Credito Popolare li harget dawk id-drafts. Hawn hu cempel lill-Casino, qallhom biex javzaw lill-Avukat u lill-pulizija, u jaghmlu denuncia. Blokkaw il-hrug tal-flus, il-kumplament kollha. Gie anke nfurmat illi l-assegni in kwistjoni kienu jirrizultaw misruqa f'Dicembru, 2002 minn Torre del Greco.
Zied illi ma kinx jaf min kien mela l-istess assegni. Qal illi fis-7 ta' Dicembru, rega' cempillu Zulian biex jistaqsieh fuq min kellu jintesta l-bankdrafts il-godda li kellu jgib. Ix-xhud irrispondieh Vittoriosa Gaming Ltd. Qal illi sar jaf li Zulian kif wasal Malta gie arrestat.
Skondtu l-Casino kien gia' lehaq hallas is-somma ta' mija u tnejn u sebghin elf Ewro (€172,000).

Gharaf mir-ritratti ezebiti l-grupp ta' gukaturi li dwarhom ukoll kien qieghed jixhed.

Gharaf ic-cheques Dok AM li gew mahruga minn bank inezistenti, din skont informazzjoni li rcieva mill-Banca Commerciale di San Marino. Infurmawh illi dawn ic-cheques kienu frott ta' serq li gara f'Dicembru, 2002. Baqa' nsistenti li hu ta' dawn kien ra l-original tant illi anke mess il-karta biex jassigura l-veracita' taghhom.
Insista li dawn kien uriehomlu Zulian. Gharaf a folio 152 il-fotokopji ta' kull cheque li kellhom fid-deposit. Qal illi gie nfurmat mill-bank li ebda wiehed minn dawn ic-cekkijiet ma

kien jappartjeni lill-firmatorju, li kienu ta' provenjenza llecita. Gharaf a folio 145 – 146, l-assegni li halla Zulian, dawk li halla Vastola, u ohrajn imhollija minn gukaturi ohra, fi kliemu kollha fazulli.

Is-**Supritendent Alexandra Mamo** minn naha taghha ezebiet informazzjoni li fuq talba tal-Pulizija Maltija giet ottunata mill-Europol fil-konfront ta' tliet (3) persuni. Gaetano Caramazza kellu allura records kriminali minhabba sentenza rigwardanti cekkijiet, sejhitilhom worthless cheques, fit-30 ta' Settembru, 1993, fejn gie sentenzjat skondtha ghal DVD cheques, ricettazzjoni, u falsifikazzjoni.
Fil-konfront ta' Fabio Zulian gie rapurtat ghal vjolazzjoni tal-VAT (1999), dikjarazzjoni falza f'dokument pubbliku, falsifikazzjoni, u ricettazzjoni.
Xehdet anke li Giuseppe Vastola u Fabio Zulian gew anke nvestigati mill-Prosekutur ta' San Roma ghal money laundering u ricettazzjoni – ezebita din id-dokumentazzjoni bhala Dok AM, folio 518.
Xehdet illi Zulian ma kinitx taf li kellu criminal records biss li gia' nvestigat.

Xehed ukoll **Philippe Emile Warzee,** fl-Ingliz kif tradott ghall-lingwa Maltija, vide Dok DM a folio 2014. Qal dan illi kien impjegat mal-LGA – Lotteries and Gaming Authority, Chief Inspector. Qal illi kien ilu f'din il-posizzjoni ghal sentejn (2). Hadem f'dan il-generu ta' xoghol fi Franza, Marokk, Italja, u Malta.
Qal illi l-Casino di Venezia kellu licenzja kompluta mill-LGA.
Spjega dwar is-sistema ta' junketeers illi dawn ikunu nies mistiedna mill-Casino biex igibu l-gukaturi u jkollhom l-ispejjez imhallsa. Dawn riedu jassiguraw ammont ta' sieghat

ta’ loghob u diversi loghob. Jigi deciz bejn il-gukatur u l-Casino l-inqas ammont ta’ loghob li ghandu jsir. Il-junket leader ikollu bzonn ukoll licenzja mahruga mill-LGA. Qal illi l-gukaturi tal-junket, jekk isir hekk ftehim, jistghu jilaghbu b’kontanti, credit cards u cheques, li jinghataw cippijiet specjali biex b’hekk jigu identifikati mill-imwejjed.

In kontro ezami li fil-fatt jintbaghtu u jsiru surprise inspections mill-LGA fil-Casinos.

Ezebixxa wkoll il-kopja tal-licenzja li ddepona fuqha bhala Dok PW, biex il-Casino in kwistjoni jopera ta’ tali.
Ezebixxa wkoll sett ta’ dokumenti tad-dati 16 sad-19 ta’ Novembru, 2006 bhala Dok PW1; u 23 sas-26 ta’ Novembru, 2006 bhala Dok PW2. Dawn jirriflettu l-loghob ta’ kull mejda fil-granet imsemmija.
Qal illi kien xoghol ir-rapprezentant tal-Awtorita’ li jezamina l-cassette recording ta’ kull mejda l-ghada tal-loghob. Qal illi l-konteggi jsiru wara li jaghlaq il-Casino, u dawn iridu jintbaghtu lill-Awtorita’ bhala succint sad-9.00am.
Dwar il-licenzja ezebita, qal illi l-Awtorita’ minn zmien ghal zmien kienet tibdel il-kundizzjonijiet.

Spjega li l-flus tal-Casino, il-fische, setghu jigu akkwistati billi tipprezenta flus, credit cards, traveller cheques, u cheques mal-cash desk.

Zied illi minhabba nuqqas ta’ staff, il-licenzja tal-Vittoriosa Gaming kienet giet sospiza.

Qal illi Nevio Barut ma kinx registrat mal-Casino bhala junket leader, imma kien biss bhala parti mill-junket.(Dok PW). Zied illi dakinhar in kwistjoni, l-Ispetturi ma setghux fil-hin tal-

presenza taghhom fil-Casino jindunaw b'dak illi fil-fatt kien qed jokkorri a tempo vergine.

Gew nominati Dr Martin Bajada, b'varji nomini dak li jezamina c-cellulari kollha maqbuda. Dr Bajada kien nominat ukoll illi jezamina mis-CCTV dan li gara fuq l-imwejjd mal-casa – irrizulta pero li dan Dr Martin Bajada ma setax jespletah stante li ma kinx hemm CCTVs tal-akkadut mal-cassa. Rat ir-relazzjoni minnu ezebita. Gie anke mqabbad ukoll, certu Jason Holder, dan biex jassisti lil Dr Martin Bajada fl-inkarigu msemmi.

Jinghad dwar Jason Holder, illi dan ghalkemm kien gie nominat biex jassisti lil Dr Martin Bajada, pero dan ftit jew xejn avvera ruhu ghax dan spicca telaq minn Malta.

Rat ukoll ir-relazzjonijiet ezebiti minn Dr Martin Bajada fil-qadi tal-inkarigu tieghu fuq ic-cellulari.

Minn naha tieghu, il-**Perit Valerio Schembri** ezebixxa r-relazzjoni tieghu dwar pjanta tal-Casino di Venezia di Malta, ta' kull CCTV camera fir-rigward tal-ezebiti Dok RV5 – Dok RV6. Ezebixxa din ir-relazzjoni bhala Dok VS, folio 1048 – 1066.

L-Avukat Generali talab ukoll fil-kors ta' din l-Istruttorja, illi jitla' jixhed **Nevio Barut** – hawn kif ben ippuntwalizzat din il-Qorti fid-digriet Taghha kien ghadu ko-akkuzat. Pero l-Qorti hadet il-posizzjoni, li siccome dan kien ghal diversi drabi ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u baqa' dejjem ferm f'din l-ammissjoni, li kienet ser tisma' lil dan ix-xhud mitlub, **b'dan pero li hu kellu jinstema' meta l-proceduri**

**<u>tieghu jghaddu in gudikat. Hekk gara. Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonjiet f'dan ir-rigward, ara Appell Kriminali 14/2003 datat 26 ta' Marzu, 2003, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Pierre Gravina" (enfasi tal-Qorti).</u>**

Fil-fatt is-sentenza ta' Nevio Barut kienet giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju, 2008. Hawn prezenti l-Avukati issa taz-zewg imputati, li kontra taghhom kienet ghadha ghaddejja l-kawza, Zulian u Caramazza, issa taz-zewg imputati li kontra taghhom kienet baqghet ghaddejja din il-kawza, hu bil-gurament kien ikkonferma dak kollu li kien iddepona qabel. Jinghad ukoll illi fil-kors tal-Istruttorja, l-Avukat Difensur - issa qabel ma saret is-separazzjoni tal-gudizzju, f'isem Fabio Zulian kien issottometta lil Nevio Barut ghall-kontro ezami ferm u ferm twil u nkombenti, kif jidher mill-istess atti processwali.

**<u>Nevio Barut</u>** beda biex jixhed billi qal li hu gie Malta hames (5), sitta (6), u seba' (7) darbiet. Qal illi xogholu kien li jorganizza gukaturi biex imorru jilaghbu fil-casinos. Qal illi hu kellem lil Orlandi u ftehmu dwar il-fatt illi kellu jnizzel Malta grupp ta' gukaturi. Anke ftehmu dwar il-commission li kellu jippercepixxi.

Qal dwar kif spicca gie Malta, u xehed illi hu sar jaf diversi gukaturi, semma' certu Omar minn Slovenia jahdem fil-casino t'hemm, kien dan li ghamel kuntatt mieghu biex jibda jgib il-gukaturi. Qal ukoll illi fil-Casino ta' Timisoara sar jaf lil Vastola Giuseppe, lil Fabio Zulian u lil Conza, u certa Carla jew Carolina. Dwar l-arrangament biex jigi Malta, qal illi hu kien kellem lil Orlandi dwar il-commissions li kellu jippercepixxi, pero qal li nponhielu qliegh ta' ghaxart elef Ewro (€10,000).

Dwar il-fatt kif avvicina il-gukaturi u gabhom Malta, qal illi dan il-ftehim sar bic-cellulari ma' Vastola li pproponhielu dan l-arrangament u kif kellu jiddividi l-gwadann mieghu. Qal illi kien fil-fatt Vastola li ghaqqad il-grupp flimkien, u x-xhud ressaq ftit gukaturi lejn dan il-grupp. Xehed illi Vastola gie mal-grupp circa hames (5) darbiet. Qal ukoll li certu gukaturi kienu hadu maghhom kontanti u ohrajn cekkijiet.

Qal illi Vastola biddel u sarraf zewg (2) cekkijiet ta' tletin elf Ewro (€30,000). Qal illi dan skondtu ghamlu biex Vastola juri li kellu l-flus, dejjem skont il-fehma tieghu. Xehed dwar il-fatt illi Zulian biddel bankdrafts versu l-ammont ta' hamsin elf Ewro (€50,000). Dwar dan qal illi l-ewwel darba li gie Malta, fl-ajruport ta' Ruma dan Zulian halla mieghu l-bagalji u portfolio li kien fih dawn l-overdrafts pjegati. Qal illi dan halliehom mieghu sakemm mar jaghmel check-in. Qal illi t-tieni darba li zammlu dawn l-assegni circolari kien fid-dati tat-23 u l-24 ta' Novembru,fejn hawn zammlu hamsa (5) jew sitta (6) ta' hamsin elf Ewro (€50,000), u talbu anke li jsarraflu minnhom mal-Casino. Sarraf qal tnejn (2), allura mitt elf Ewro (€100,000), umbaghad tlieta (3) ohra, mija u hamsin elf Ewro (€150,000). Zied illi Orlandi kien jaf li Zulian kellu jkollu dawn il-bankdrafts, tant li fuq talba ta' Zulian dan Barut kien anke staqsa lil Orlandi fuq min kellhom jigu ntestati dawn. Kien qed jixhed hawn dwar id-dati tat-23 u l-24 ta' Novembru. In kambju ta' dan it-tisrif, xehed illi l-kaxxiera taghtu gettoni (fische) f'valuta ta' liri Maltin u tahom lil Zulian. Dan skondtu li jsarraf kien anke parti minn xogholu. Ra lil Zulian jilghab b'mod goff. Hin minnhom xehed ukoll illi waqt il-loghob beda jidhollu suspett li kienu qed jghaddu fische bejn il-gukaturi, ghax skondtu anke min kien qed

jilghab bi ftit fische beda jibdel ammonti kbar ta' flus mal-cassa.

Xehed anke li Orlandi beda jsellef lill-gukaturi flus b'cekkijiet.

Dwar Zulian qal illi qatt ma rah ibiddel kontanti, biss assegni circolari. Baqa' nsistenti li kien qed jilghab bil-goff u li l-pit boss kien qed isegwi l-loghob tieghu.

Dwar l-assegni circolari li kellu mieghu Zulian, zied illi Orlandi ried jarahom u ried jivverifikahom, inkella ma kinx ser ihallieh jilghab. Zied illi anke kien zamm fuqu cheque ta' Zulian rigwardanti mhatra li saret bejnu u Zulian.

Dwar l-assegni li zamm ghandu ta' Zulian, qal illi dan kien tahomlu kif tela' fuq l-ajruplan u ghamillu dan il-pjacir, pero ma spjegax ghalfejn dan. Haseb illi kienet minhabba raguni ta' Dwana. Zied illi Zulian baqa' nsistenti mieghu li kellu jroddhomlu lura darba li jkunu fil-lukanda.

Gharaf il-bankdrafts ezebiti, dawk li sarraf ghal Zulian u dawk li garrlu bhala Dok AM; ic-cheque tal-imhatra u l-assegni circolari l-ohra li zamm fuqu, skondtu ta' Zulian (Dok JD). Gharaf ukoll cekkijiet ohra ezebiti, fosthom ta' Vastola, Conza Ettore.

Rega' gie muri c-cekkijiet Dok AM9 - bankdrafts. Rega' kkonferma li dawn kienu dawk illi hu zamm fuqu fuq talba ta' Zulian;

Disa’ (9) assegni circolari tal-valur ta’ hamsin elf Ewro (€50,000)-il wiehed intestati lil Vittoriosa Gaming. Qal illi kienu jidhru simili.
Gharaf id-dokumenti ta’ identifikazzjoni ta’ Vastola Giuseppe, Zulian Fabio, Conza Ettore – dawn sar jafhom gewwa r-Rumanija. Semma aktar gukaturi li kienu nizlu Malta, skondtu fil-maggor parti migjuba lejh minn Vastola.

Dwar tfajla gukatura li okritu ghajnejh minnha, qal illi hu anke kien mar ikellem lill-pit boss, pero ghalih kollox kien regolari. Qal illi hu mal-pit boss kien irrimarka fuq din Carolina u fuq Zulian, tal-ahhar ghax skondtu kien qed jilghab b’mod qawwi hafna. Qal illi hu lill-pit boss anke staqsieh kinx qed isir bdil ta’ fische bejn il-gukaturi.

Qabel illi Vastola u Zulian kienu anke jilaghbu fir-Rumanija, fejn anke hemm hallew assegni li ma kinux issarrfu, qal Zulian circa mija u erbghin elf Ewro (€140,000).

Insista li hu zamm l-assegni circolari ta’ Zulian sakemm dan, li kien qed jivvjagga in transit minn Torino jew Venezia, mar jaghmel check-in.
Zammhom dawn l-assegni circolari Barut, sakemm Zulian ghamel il-boarding pass.
Qal illi allavolja dawn kienu mitwija, seta’ jara li kienu bankdrafts. Qal illi zammhom ghax talbu u ghax kien jafu. Zammhom sakemm Zulian ghadda mid-dogana (2245). Ikkonferma li kienet anke l-ewwel darba li mar isarraf ghal haddiehor. Qal illi kien ilu jaf lil Zulian ghal xahar, f’weekend gewwa r-Rumanija. Qal illi pero meta rah ir-Rumanija kien ghal ftit. Qal illi f’dik l-okkazzjoni c-cekkijiet li pprezenta Zulian ma kinux issarrfu.

Hawn is-Sur Barut kien anke in kontro ezami li kien qed isir mill-Avukat ta' Fabio Zulian.

Rega' ttella' jixhed darba li l-proceduri kontra tieghu kienu ghaddew in gudikat, rega' kkonferma dak kollu li kien iddepona qabel (kif hawn riprodott). Hawn issa xehed, anzi rega' kkonferma, li Caramazza ma kinx parti mill-grupp Naplitan, kien mar maghhom ghall-ewwel darba, anzi lilu kien qallu li ma ridx ikollu x'jaqsam maghhom. Hawn beda jixhed tista' tghid a favur ta' Caramazza li kien jonora d-djun tieghu. Fil-fatt, wiegeb ghal sensiela ta' mistoqsijiet maghmula mill-Avukat Difensur ta' Caramazza. Hawn ix-xhud wasal anzi biex jaqbel illi dan Caramazza ma kien bl-ebda mod involut f'din il-frodi li saret a dannu tal-Casino di Venezia.

**<u>Ittri Rogatorji</u>**

Rat anke l-varji Ittri Rogatorji li ntbaghtu – tista' tghid illi kien hemm zewg settijiet ta' dawn. Sett minnhom koncernanti procedura ta' smiegh ta' xhieda esteri dwar il-fatt illi l-imputat kien qed jibghat certifikati u nformazzjoni medika dwar sahhtu meta ma rritornax lura lejn Malta, wara d-digriet tal-liberta' provizorja;
Sett iehor ta' Ittri Rogatorji kienu jikkoncernaw proprjament il-mertu per se' dwar l-assegni circolari u cekkijiet li gew imsarrfa u gew prezentati fil-Casino di Veneiza, Malta.

- Ghalhekk dawk mibghuta minn Ruma kienu jikkoncernaw ix-xhieda ta' **<u>Perulli Anna Mario</u>**, u dan in mertu tas-serq ta' bankdrafts intestati lil Banca Della Campagna li ssucieda fix-xahar ta' Novembru, 2005.

Qalet illi fil-konfront ta' dawn, illi fil-21 ta' Novembru, 2005 gew stampati overdrafts (assegni circolari) mit-Tipografija PCC Giochi u Servizi, ghal Centrale Banca Popolare Italiana. Gew infurmati illi dawn l-istess assegni bankarji qatt ma waslu fid-destinazzjoni taghhom. Saret anke denuncia f'dan ir-rigward mill-istess socjeta' stampanti, li l-overdrafts qatt ma waslu ghand id-destinatarju. Din saret fil-*questura* ta' Polanza, ezebita a folio 63 tar-Rogatorji.
Qalet illi gew blukkati dawn l-assegni circolari numerati minn 535202020501 sa 5352035500. Gew anke inseriti n-numru taghhom fl-allarme interbancario, CA1.
Gew anke nfurmati banek ohra nazzjonali minhabba tentattiv possibbli ta' inkass tal-istess assegni.
Qalet ukoll illi fit-18 ta' Dicembru, 2006 irceviet mail minghand l-Ispettur Antonovitch Muscat li talabha nformazzjoni dwar assegni circolari li gew misjuba fuq strangier prezenti f'Malta. Ezebiet kemm il-komunikazzjoni li baghtet lill-Ispettur Muscat. Ezebiet ukoll lista tal-assegni mitluba/misruqa li kien hemm tentattiv li jissarrfu li pero gew blukkati.

Dwar il-kont fuq Turcillo Amerigo, il-kont tal-Unicredit Xelion Banca Spa, xehdet illi kien estint. Jirrizulta li dan kellu fih l-ammont ta' tnejn u sittin Ewro u ghoxrin centezmu (€62.20), u ghalhekk ic-cekkijiet, hamsa (5) li kien baqa' fuq il-kont gew kancellati.

- Mill-Qorti ta' Palermo gew mibghuta Ittri Rogatorji fejn gie mismugh certu **Vitale Danilo**, dan fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal ezekuttiv tal-ufficju legali tal-Credito Siciliano Spa. Dan xehed dwar kont ta' Caramazza li

kellu fih il-bilanc ta’ hdax-il Ewro (€11) fit-2 ta’ Dicembur, 2008.

- Faxxikolu iehor mibghut mit-Tribunale ta’ Polenza juri denuncia li saret fil-Questura ta’ Polenza minn PCC Giochi e Servizi Spa, dwar zmarriment ta’ assegni circolari fl-ammont ta’ mitejn u hamsin elf Ewro (€250,000) destinati ghal Istituto Banche Popolari.

- Gie mismugh certu **Abrusci Angelo Antonio** mit-Tribunal ta’ Bari, dan gie mistoqsi dwar il-konoxxenza u relazzjonijiet u osservazzjonijiet tieghu ma’ Fabio Zulian, Gaetano Caramazza, Michele Remma, Antonio Adinolfi, Antonio Gallo, Antonio Pignalaro, Michele Merola, Francesco Paola Piriano, Amerigo Turcillo, Giuseppe Scuderi, Vastola Giuseppe, Ettore Conza, Roberto Valenti, Marco Trevisiani, Nevio Barut, Domenico Tornicasa, il-Casino Senator li jinsab gewwa Timisoaru fir-Rumanija. Wiegeb u qal illi ta’ dawn imsemmija kellu konoxxenza limitata hafna ta’ Fabio Zulian, Vastola Giuseppe, u Ettore Conza, ghax rahom darba fil-casino msemmi. Anke lil Barut u lil Caramazza kien jafhom minn dan il-casino.
  Kien jaf lil Mario Trevisan bhala porter tal-imsemmi Casino.
  Ma kinx jaf b’relazzjoni ohra bejn dawk imsemmija.

- Ir-risposta mibghuta mit-Tribunali di Torre Annunziata kienet tikkoncerna dirigenti tal-Banca di Credito Popolare di Torre del Greco dwar l-assegni circolari li kellhom il-logo tal-Banca di Credito Popolare di Torre del Greco. Qal illi l-beneficjarju indikat fuq dawn ic-cekkijiet (bankdrafts) kienu Vittoriosa Gaming Ltd,

setghu jipprezentawhom ghand qualunque agenzija finanzjarja Taljana, anke barranija u jiehdu l-kreditu fuqhom indikat. Qal illi d-dokumenti ad apparenza kienu jaghtu x'tifhem illi kien hemm xi rapport bejn il-Vittoriosa Gaming Ltd, pero li fir-realta' din is-socjeta' qatt ma kellha ebda tip ta' rapport mal-Banca di Credito Popolare di Torre del Greco. Qal ukoll illi siccome kien jitratta ta' titoli ta' kreditu bil-klawsola fuqhom 'non trasferibile', ma setghu qatt jigu girati. Qal illi dawn kienu titoli ta' kreditu maghmula b'mod illecitu. Dawn skondtu gie jew okkorra fit-trasport bejn l-Istituto Centrale tal-Banca Popolare di Milano ghal Banca di Credito Popolare di Torre del Greco. Dawn fil-fatt illum kienu suggetti ta' digriet f'ordni ta' sekwestru li nharget dwarhom mill-Procura tar-Repubblica tat-Tribunal ta' Napoli datat 17 ta' Dicembru, 2002.

Mistoqsi jekk kinx hemm f'dawn id-dokumenti kinux fin-natura taghhom irregolari, wiegeb u qal illi ghall-bank Taljan kienu jidhru kontra fatti;
Kienu mahruga f'Torin bid-data tat-22.11.200, fejn l-Istitut Finanzarju fuqhom indikat ma kellux fergha;
Kienu mankanti mill-firma li tkopriehom, tal-amministratur tal-fergha li suppost hargithom.
Qal illi dan is-serq kien gie moghti d-debita pubblicita' fuq gurnali ta' kuljum ta' 'edition' nazzjonali "La Repubblica" tat-2 ta' Novembru, 2002. Ezebixxa fil-fatt kopji ta' dawn l-avvizi.

Zied illi l-bankdrafts in kwistjoni ma kellhom ebda possibilita' konkreta li jigu negozjati, in kwantu mis-serq taghhom kienet saret komunikazzjoni mmedjata lil CA1, cioe' lil Centrale Allarme Interbancario, kontrollat mill-

Bank Taljan, biex kull bank Taljan darba li hawn jigu prezentati jkunu konxju fil-provenjenza llecita' taghhom.

Ra wkoll u gharaf id-dokument (ghalina vide Ant 21.12.06), datat 7 ta' Dicembru, 2006, mibghut lil Banca Commerciale San Marinese Spa c.a. Dott Bertozzi li ffirma hu stess ma' Tuffino Raffaele tramite liema kienu qed fis-sustanza jaghtu avviz lill-Bank ta' San Marino tar-regolarita' ta' dawn ic-cekkijiet. Gharaf anke d-denuncia li saret mill-Istitut taghhom lil Carabinieri di Torre del Greco.

Zied illi minn mela dawn l-assegni circolari, kiteb fuqhom b'type writer il-post – Torino, u d-data li nhargu fit-22 ta' Novembru, 2006; ic-cifri u l-beneficiaries Vittoriosa Gaming Ltd. Qal illi kull indikazzjoni ohra fuqhom numerica ikunu gia' awtomatikament gia' prezenti fuq id-dokument. Ma sarlux kontro ezami.

- Fl-ahharnett rat ukoll il-Qorti ir-risposta mibghuta mit-Tribunale Commissiarale Civile e Penale Sezione Penale, Repubblica di San Marino. Hawn gie mismugh **Stefano Bertozzi**, li qal illi dwar id-dokument AM13 kien gie kkontattjat bit-telephone minn Signor Orlandi li kien qallu li kien ser jigi kkuntattjat mis-segretarja tieghu Miss Gambato, biex jivverifika fax kopja ta' cekkijiet li fuqhom dan talab li kellha ssir verifika. Qal illi din il-verifika ntalbet minn Orlandi bhala rapprezentant legali tal-Vittoriosa Gaming Ltd.
- Qal illi kif ircieva dawn ic-cekkijiet, ipproceda jaghmel il-verifiki ma' varji banek. Qal illi dawn l-assegni ma setghux jigu esegwiti, imsarrfa, ghal diversi mottivi, b'dan avza lil Gambato fis-6 ta' Dicembru, 2006.

Ikkonferma ghalhekk id-dokument lilu muri, ghalkemm ma ftakarx ic-cekkijiet jew l-ammont taghhom.

**<u>Fabio Zulian</u>** fl-investigazzjoni rrilaxxa, moghti d-debita twissija, zewg (2) stqarrijiet ezebiti mill-Ufficjal Prosekutur. Ovvjament, dawn gew rilaxxati bil-lingwa Taljana.
Fl-ewwel stqarrija, Dok FZ qal illi kien gie bhala nvitat ta' Nevio Barut bhala mistieden tal-Casino di Venezia. Kien gia' gie Malta darbtejn qabel il-weekend ta' qabel u hmistax qabel. Qal illi biex jilghab gab cekkijiet tal-Uni Credit Xelion. Bank illi pero ma kinux fuq ismu. Anzi qal illi ma kinx jaf lil min kien isejjah dan il-kont bankarju. Qal illi dawn ic-cekkijiet gew moghtija lilu minn certu Turcillo Amerigo. li anke dan kien gie Malta fil-Casino mal-grupp kollu ta' Barut, skondtu kien il-weekend li ghadda kif ukoll dak ta' hmistax (15)-il gurnata qabel. Zied illi dawn ic-cekkijiet, li parti kienu mimlija u fil-kumplament imliehom hu, kiteb id-dati, u kiteb anke c-cifra fuqhom. Anke ffirmahom. Qal illi ma kinx hu pero li ntestahom lil Vittoriosa Gaming Ltd. Zied illi ffirmahom u mliehom mal-cassa. Qal ukoll illi ma kinx jahseb li l-Casino kien jaf li c-cekkijiet ma kinux tieghu personali. Mistoqsi ghaliex iffirma cekkijiet illi ma kinux tieghu, wiegeb illi kellu kull intenzjoni li jhallashom mal-iskadenza taghhom, pero qal illi hu lil Casino ma qalilhom xejn, u li huma da parti taghhom ma staqsewh xejn. Zied illi in kambju ta' dawn ic-cekkijiet, ha l-fische biex jilghab fil-Casino, qal illi minn dawn il-fische sellef lil Caramazza. Zied illi kien Barut li lilu kien tah l-assegni circolari.
Qal illi hu u Caramazza fuq l-ajruplan spiccaw bil-qieghda hdejn xulxin. Qal illi hu lanqas tkellem ma' Barut, sellmu biss lil xulxin fuq l-ajruplan.

Qal illi kellu kull intenzjoni jiltaqa' ma' Orlandi u jhallsu tac-c-cekkijiet.

Kompla fit-tieni stqarrija (Dk FZ1, folio 120), u qal illi c-cekkijiet tax-Xelion Bank, Amerigo Turcillo tahomlu Malta fil-Casino hmistax (15) qabel. Qallu li kellu juzahom trankwillament, illi seta' jhallas fil-kont tramite l-bank tieghu. Zied illi kien Turcillo li qallu li ma kellux ghalfejn jikkonfondi biex jiffirmahom hu. Darba li kien jirrikonoxxi l-firma ma kinx ser ikun hemm problema ta' hlas. Turcillo skondtu qallu li l-kont kien tieghu u kellu access ghalih. Zied illi hu lil dan Turcillo rah forsi erba' (4) darbiet f'hajtu. Qal illi bejn il-gukaturi dan kien jigri dan is-self.

Dwar l-assegni circolari qal illi dawn kien tahomlu Giuseppe Vastola, assegni ta' hamsin elf Ewro (€50,000) tal-Banca di Credito Popolare. Qal illi dan Vastola kien tahomlu Malta hmimstax (15) qabel meta kienu fil-lukanda Meridien talli dan kien tilef il-flus il-Casino. Qal illi hu fuq struzzjonijiet ta' Vastola, prezentahom il-cassa tal-Casino, tlieta (3) ghal Riemme u tnejn (2) ghal Caramazza.
Qal illi hu ma kinx konxju minn xi raggiri da parti ta' Vastola, qal illi hu l-Casino kien imur biss biex jilghab u li dejjem hallas id-dejn tieghu. Qal illi fil-fatt hu kellu jaghti lill-Casino di Venezia go Venezia, is-somma ta' miljun u mitejn elf Ewro (€1,200,000). Qal illi l-ahhar li kien tkellem ma' Orlandi dan kien tah parir li kellu jieqaf jilghab u mhux ikompli jirrovina lilu nnifsu. Zied illi nonostante cio', xorta dan tah disposizzjoni ghall-cassa tal-Casino, li jekk xi gukatur, bhal Caramazza, ried jakkwista fische b'cekkijiet biex jilghab, il-cassa kellha tistaqsi nformazzjoni lilu. Qal dan baqa' jigri anke ma' gudikaturi ohra.

Qal ukoll illi l-ewwel darba li gie Malta, Orlandi anke offrielu hamsin fil-mija (50%) profitt, u tad-djun mal-Casino. Qal illi dan l-istess Orlandi anke dahal mieghu fi skommessa fuq loghba football.

Baqa’ neganti, anke wara konfront ma’ Barut, illi kien hu li ta lill-istess Barut assegni circolari li nstabu fuqu. Qal illi hu kien rega’ gie Malta b’mod trankwill biex jitkellem ma’ Orlandi dwar xi negozji tieghu mal-Casino. Qal illi hu ma kinx jaf li kellu xi titoli falzi. Qal illi kieku kien jaf b’dan il-giro, ghaqda, jew x’kienu jaghmlu dawk in-nies, ma kinx jirritorna lejn Malta.

**<u>Fabio Zulian</u>**, issa l-imputat, anke ghazel illi jixhed viva voce quddiem din il-Qorti. Qal illi qabel ma gie Malta hu gia’ kien jiffrekwenta l-Casino di Venezia ta’ St Petersburg, Timisoara tar-Rumanija. Kien jigi hemm mistieden ghax bhala gukatur kien jonfoq hafna flus. Qal illi fil-Casino di Venezia kien ikollu kreditu ta’ miljun u nofs Ewro (€1,500,000) circa fil-gimgha; l-istess fil-casinos l-ohrajn. Kien meta kien go Casino gewwa r-Rumanija ma’ Caramazza, li hu ltaqa’ ma’ Nevio Barut. Qal illi Barut, meta ra li hu kien jilghab hafna u seta’ ghamel profitt minn fuqu, stiednu biex jigi Malta. Qallu li Malta ma kinx lest jilghab bl-istess mod. Zied illi dan Barut qallu biex ma jinkwetax ghax kien ser ikellem lis-sid.

Qal illi l-ewwel lejl hu wasal qabel il-grupp, allura kien wahdu, ma kellux cekkijiet. Mar mal-cassa, u pprezenta ruhu bhala mibghut minn Barut. Hawn skondtu cemplu lil Orlandi u dak il-lejl, bla ma kkonsenja ebda titolu ta’ kreditu, bhala garanzija gie moghti ghaxart elef Ewro (€10,000).
Qal illi dik il-lejla anke kien mar Spettur tal-Gaming jarah jilghab. Ma hax ir-rebh, ha minflok ircevuta.

L-ghada wasal Barut ma’ grupp ta’ nies. Dan qallu li kellu bankdrafts li kellhom jigu verifikati minn Orlandi li anke ghamel fotokopja taghhom. Skondtu ma kinx hemm problemi, b’dawn setghu jilaghbu. Qal illi marru l-Casino u kien Barut li sarraf l-ewwel cheque biex gab il-fische ta’ hamsin elf Ewro (€50,000).
Ta lill-imputat din is-somma f’cippi. Qal illi kull meta tilef, dan Barut beda jgiblu l-fische biex jilghab. Qal illi f’certu punt, x’hin Barut kien okkupat b’nies ohra u Zulian talbu aktar fische, tah l-unika cekk li skondtu hu qatt mess, cekk ta’ hamsin elf Ewro (€50,000) jew mitt elf Ewro (€100,000). Ghalih dan kien kollu normali. Anke rrepeta li dahal fi skommessa fuq loghba football ma’ Orlandi. Qal illi l-ewwel weekend tilef mitejn elf Ewro (€200,000) circa. Qal illi f’certu punt dan Orlandi sejjah lilu u lil certu Vastola, li ghalkemm kien mal-grupp, ma kellux x’jaqsam mieghu u ma’ Caramazza, qal illi dan Orlandi dahhalhom fl-ufficju. Hawn Orlandi pproponielhom profitt jekk iressqu klijenti lejn il-Casino. Qal illi l-unika haga li kien gara biss li hu kien tilef u li c-cekkijiet issarrfu. Wara zied illi sar jaf li dawn ic-cekkijiet kienu gew ritornati u mizmuma minn Orlandi.

Fit-tieni weekend xehed illi gara l-istess haga bic-cekkijiet, l-istess gukaturi. Qal pero, illi f’dan il-weekend Barut ic-cekkijiet tahom direttament lil Orlandi u li kien Orlandi li mar isarraf dawn mal-cassa. Dan skondtu seta’ jigi verifikat mill-cameras. Qal illi hu kien hati biss ta’ haga wahda – illi kien bidel mal-cassa mitejn elf Ewro (€200,000) f’cekkijiet minn kont bankarju, cekkijiet li kienu post-dated u talli ffirma fuqhom it-tieni weekend. Qal pero b’dan kien ben konoxxenti u accettanti Orlandi, tant li tah hamsin elf Ewro (€50,000)

kontra post-dated cheques tax-xhur ta’ Jannar, Frar, Marzu, u April.
Qal ukoll illi dawn ic-cheques kien tahomlu iehor mll-grupp ta’ Barut li pero nesa x’kien jismu, u anke qallu li fil-kont ma kinx baqa’ hafna flus. Assigurah illi c-cekkijiet kienu ser jithallsu mal-iskandenzi taghhom. Qal illi dawn kienu operazzjonijiet normali li jsiru go Casino. Dan kien operat illi hu ghamel anke mal-Casino ta’ Portomaso – halla cekkijiet illi dejjem hallas. Qal illi hu ma kellux ghalfejn jiffroda lill-Casino di Venezia, Malta, meta hu ma’ dak ta’ Venezia li kellu sehem ta’ erbghin fil-mija (40%) ma’ dak Malti, kien igawdi kreditu ta’ miljun u hames mitt elf Ewro (€1,500,000).

Dwar din il-persuna li taghtu c-cekkijiet, qal illi dan kien Taljan li kien jilghab mal-grupp ta’ Barut.

Zied illi hu mill-Casino di Venezia, Malta, cheques biss ha lura; illi ma ha xejn lanqas mir-rebh tieghu. Qal illi rega’ gie hawn it-tieni weekend ghax ghalih ma kien gara xejn hazin ghax ghalih ic-cekkijiet rilaxxati kienu garanzija ta’ pagament. Irritorna trankwillament. Zied illi t-tieni darba li gie fil-fatt rebah tletin elf Ewro (€30,000) pero hallas hawn cekkijiet ghall-valur ta’ mitejn u hamsin elf Ewro (€250,000). Dwar ir-rebh, qal illi c-cheque moghti lilu ta’ dan mill-Casino (imsejjah aktar tard win cheque), lanqas biss gie nkassat minhabba din il-kawza.

Dwar Barut u s-servizz ta’ junkateer, qal illi dan kellu jipprovdilu flus kontanti jew kreditu meta gukatur imur jilghab, ma kinx problema tieghu minn fejn igibhom. Testwalment qal hekk: “*……se io avessi bisogno di soldi me li faceva usare, ma non e’ che sono di Fabio Zulian. Questo a concetto, se lui questo e un servizio che lui dava ai gocatori di*

*casino, non e che' sono di Fabio Zulian perche' se io invite una persona egli dico che se ti servono, soldi, nono preoccupare, te li porto io, io cosa centro? Per me io sono un giocatore, quando vado in un casino e ho bisogno di soldi, a lo mi da dive gli prende non sono problemi miei. Io l'unico debito che ho al casino di Venezia sono questi assegni di due cento quinta mila Euro post datati, firmati da me con le date che ho messo io.*" (folio 4021).

Qal illi hu mal-ewwel weekend irritorna Torino; kien jaf bit-truffa u ma kinx ser jerga' jigi lura lejn Malta.

In kontro ezami xehed, meta mistoqsi kif kellu kreditu ta' miljun u nofs Ewro fil-gimgha mal-Casino di Venezia, illi hu kien gukatur kbir u frekwenti. Jekk kien jitlef somma kbira flus fil-weekend kien anke jhallas il-post dated cheques sakemm fil-kont iqieghed is-somma necessarja.
Qal illi hu gol-Casino di Venezia ma kinx jiehu mieghu flus jew cekkijiet stante li l-Casino kellu fiducja fih, allura l-Casino di Venezia kien jaghtih il-flus bla kontra kambju ta' flus jew cekkijiet.

Qal illi meta wasal l-ewwel darba Malta, hu kien kiel ma' Orlandi u kien iltaqa' b'mod cazwali ma' Pagani li kien l-amministratur delegat tal-Casino di Venezia, u lil Orlandi prezentah bhala l-ahjar klijent li kellhom f'Venezia. Qal Zulian illi minn hawn 'l hemm Orlandi kellu garanzija verbali fuqu ta' Pagani.

Qal illi hu ried jigi Malta meta hajru Barut, pero mhux biex jilghab biss mitt elf Ewro (€100,000) li kienu jispiccawlu fi tletin (30) sekonda.

Qal illi ghal Barut ma kinitx taghmel differenza jekk gukatur kinx jitlef jew jirbah, ghax dan kien jiehu l-percentwal fuq il-kambju tal-flus mal-Casino.

Qal illi kien Barut li kellu jipprovdi ghall-flus tal-gukaturi biex jigu msarrfa ghal fische mill-Casino.

Qal illi l-Casino, anke jekk il-Ligi tghid mod iehor, ma setax ma jaccettax cekkijiet, allura skondtu l-Casino kellu jgorr hamsin fil-mija tat-tort.

Mistoqsi allura ma' min kien imdejjen jekk mhux mal-Casino jew Barut, wiegeb illi hu kien ragel tal-unur u li kien qal lil Barut li kien ser ihallas lill-Casino.

Mistoqsi allura Barut minn fejn kien ser igib il-flus li jkun ta lill-gukatur, issugerixxa li dawn kienu jithallsu allura mill-commission tal-Casino stess.
Qal ukoll illi l-casinos tad-dinja kollha kienu konsapevoli li minn mitt cekk prezentat, disghin ma kinux ser jigu mhallsa.

Qal illi Barut kien jiggarantixxi t-telf tal-Casino bil-commission tieghu.

Ammetta li hu kien wasal Malta l-ewwel weekend minghajr flus xejn, u li kien gie moghti l-flus ghaliex Orlandi qaghad fuq il-kelma ta' Barut dwaru.

L-ewwel weekend qabel illi ma kien hemm ebda problema bic-cekkijiet prezentati, kemm minnu kif ukoll minn Barut, dan ghax Barut kien qed ikellem xi nies, allura baghat lilu jigbed il-fische, dan b'assegni circolari. Kienu skondu ta' hamsin elf Ewro (€50,000)-il wiehed. Ma rebah xejn f'dan il-

weekend, pero akkumula debitu mal-Casino, pero dan gie pacut bir-rebha tal-imhatra li kien ghamel fuq il-football ma' Orlandi. Zied illi t-tieni weekend hu wasal biss ma' Caramazza; illi ma kinx mal-grupp tan-Naplitani li kienu anke fuq il-lista ta' Barut; illi kien jafhom biss mill-Casino di Venezia, bhal Vastola. Qal illi kienu kollha fl-istess grupp pero ma kinx hemm hbiberija, rapport tax-xoghol. Il-fattur komuni bejniethom kien Barut. Qal illi ma kinux imma "*una stess banda di criminali*" (folio 4035). Qabel illi hu anke kien prezenta cekk (circolari) ghal Caramazza.

Zied illi ghalih minn weekend ghal iehor il-Casino kellu zmien jikkontrolla c-cekkijiet kieku kienu in bona fede.

Zied illi kien jiftakar sew mit-tieni weekend illi hu kien qed jilghab punto banco, gie msejjah mill-cash desk, kif ikkonferma Orlandi, biex jivverifikaw jekk Caramazza u gukaturi ohrajn setghux jibdlu cekkijiet. Qal illi hu wiegeb illi Caramazza kien 'solventi'.

Moqri mill-istatement tieghu fejn hu qal li l-assegni circolari kien tahomlu Vastola, l-ewwel qal illi kien ghadda wisq zmien, imbaghad ftakar illi dan kien irilaxxa a tempo vergine, insista li dawk kienu tahomlu Barut. Ftakar pero li kien tah ic-cekkijiet Amerigo Turcillo.
Insista li pero kien dejjem Barut li kien jiggarantixxi c-cekkijiet ghall-gukaturi, illi dan Barut kien jiggarantixxi ghal grupp kollu. Ftakar illi Vastola kien anke sellfu cekkijiet li kien xehed fuqhom qabel illi kien ghamel post dated.
Qabel li hu prezenta dawn mal-cassa f'isem Riemme u Caramazza. Qal illi kien normali fil-Casino li jsir self bejn il-gukaturi. Ammetta li dawn kienu tahomlu Turcillo; anke ftakar li setghu kienu tal-Unicredit Bank.

Ftakar li dan Amerigo anke kien qallu li ma tantx kien hemm flus f'dan il-kont, anzi kien ser jigi maghluq. Wiegbu lil dan l-imputat, illi hu, anke jekk jinghalaq il-kont, kien ser jonora d-dejn. Zied illi ghalih f'dak il-mument ma kinx importanti lil min kien jghajjat dan il-kont.
Ghalih baqa' nsistenti li anke jekk iffirma fuq cekkijiet ta' kont li ma kinx isejjah lilu, dan basta hu kellu ntenzjoni jkopri d-dovut, ghalih halla lill-bank promessa ta' pagament. Qal illi hu kien assuma *la paternita'* ta' dan ir-reat (folio 4042). Gie suggerit lilu li dan anke ghamlu fil-konfront tal-assegni circolari ghaliex hu bil-kambju ta' dawn ha fische biex jilghab bihom. Qal illi kien probabbli li sellef fische lil xi gukaturi ohra.

Dwar it-tieni weekend u l-assegni circolari, disgha (9), misjuba fuq il-persuna ta' Barut, innega li dawk kienu tieghu – qal illi setghu pero kienu anke ntizi ghalih.

Qal ukoll illi Turcillo Amerigo kien habib ta' Vastola, pero ma kinx habib tieghu; illi Turcillo tah biss ic-cekkijiet ghax hu biss kellu dawn. Mistoqsi kinx awtorizzat jiffirmahom, wiegeb illi le. Insista li lil Turcillo kien jafu biss di viso, pero xorta ha c-cekkijiet.

Irrikonoxxa illi kien illegali taghmel cekkijiet post-dated.

Qal illi hu ried ihallas id-dejn tieghu mal-Casino Malti, ghalkemm ghaddew tminn (8) snin u kien ghadu ma ghamilx dan.

Innega li kien hu li kien ta lil Barut il-hames (5) assegni circolari ta' hamsin elf Ewro (€50,000)-il wiehed.

Xehdet ukoll in difeza ta' Zulian **Carmen Borg**, correctional. manager gewwa Kordin. Qalet li dan bhala inmate kien involut fi progett Ewropew fuq scanning ta' dokumenti tal-Habs antiki; kien jghin fil-pupi tal-Playmobil; kellu mgieba u kondotta ezemplati, u dejjem wera rispett lejn l-awtoritajiet tal-Habs. Qatt ma kellu nkwiet ma' prigunieri ohrajn, u l-urine tests tieghu dejjem irrizultaw '*clean*'.

Rat ukoll ir-rizultanzi tal-compodium tal-assi redatt minn **Dr David Farrugia Sacco**.

**Ezami tal-akkuzi**

Ikkunsidrat:

In ezami tal-akkuzi mibghuta, din il-Qorti rat bir-reqqa n-nota ta' osservazzjonjiet prezentati mill-partijiet;

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet fit-tul f'dan ir-rigward.

Tibda l-Qort biex tezamina r-reati addebitat, dak mahsub taht l-**Artikolu 83A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jghid hekk:

"*83A. (1) Kull min -*
*(a) jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għal-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar; jew*
*(b) waqt li jkun jaf jew ikollu kawża raġonevoli li jissuspetta dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali tal-għaqda stabbilita għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu (a), jipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda,*

*inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien minn erbgħa sa disa' snin.*

*(2) Kull min ikun jappartjeni għal għaqda msemmija fis-subartikolu (1) jeħel għal dak il-fatt biss il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa seba'snin.*"

Qalet sew hawn id-Difiza, illi dan l-Artikolu gie mehud kwazi kelma b'kelma mill-Artikolu 416 tal-Kodick Penali Taljan. Ghalhekk il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghal dak illi spjega l-gurista Taljan Antolisei dwar dan ir-reat fl-Italja ta' "Assocciazione per ……" Jghid hekk dwar dan:
"*....quando tre o piu' persone (fil-ligi Maltija zewg persuni jew aktar) si associano allo scopo di commettere piu delitti*" (bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali test Malti). Anki bhat-test Malti 83A(2), il-partecipazjoni wahidha hija punibbli.
"*Coloro che partecipano all'associazione sono per cio' soli punibbli.*"
Ikompli:
"*La ratio di questa incriminazione e' palese: l'esistenza di un'associazione per delinquere suscita inevitabilmente allarme nella popolazione e, quindi, di per se' sola, e cioe' indipendentemente dai delitti che siano commessi, determina un perturbamento dell'ordine pubblico.*"

Dwar din l-assoccjazzjoni, l-Antolisei ikompli:

*A) ‹‹Associazione›› non equivale ad ‹‹accordo››, come si puo' rilevare dal confronto dell'art. 304 con l'art 305 (infra n. 240). Affinche' esista associazione occorre qualche cosa di piu': e' necessaria l'esistenza di un minimum di organizzazione a carattere stabile, senza*

*che, pero', occorra alcuna distribuzione gerarchica di funzioni. La forma di organizzazione adottata e' indifferente, tanto piu' che, trattandosi di un'attivita' illecita, e' ben naturale che di regola si rifugga dalla tipiche forme associative. Non occorre neppure che esista ripartizione di gradi u gerarchia di funzioni, perche' la presenza di capi costituisce una mera eventualita'.*

*Il carattere stabile del vincolo associativo da' al reato in parola la netta impronta del delitto permanente. Su cio' nessun dubbio e' consentito.*

B) *Obiettivo dell'associazione deve essere la commissione di piu' delitti (non di contravvenzioni). In altri termini, si esige che l'associazione abbia come scopo l'attuazione di un programma di delinquenza, e cioe' il compimento di una serie indeterminata di delitti. Associarsi per commettere un solo delitto non integra la fattispecie in esame.*

*A differenza nel codice Zanardelli (art. 248), non si richiede che gli associati abbiano di mira alcune specie di delitti piuttosto che altre. Pure irrilevante e' che i delitti in programma siano della stessa specie oppure di specie diversa a che tutti o alcuni di essi siano perseguibili a querela. La molteplicita' dei delitti non e' esclusa allorche' questi sono collegati dal nesso della continuazione.*

*Da quanto si e' detto consegue che non costituisce di per se' associazione punibile ai sensi dell'art. 416 un aggregato di persone avente scopo illecito, immorale o sovversivo, come la mano nera, la teppa, la malavita, ecc., nonche' le societa' anarchiche: occorre che tra le finalita' dell'associazione vi sia qualle di realizzare determinate fattispecie criminose.*

*L'associazione per delinquere presenta qualche affinita' con la compartecipazione criminosa, ma ne differisce profondamente. Nel concorso di persone, infatti, l'accordo fra i compartecipi e' circoscritto alla realizzazione di uno o piu' delitti nettamente individuate, commessi i quail l'accordo medisimo si esaurisce e, quindi, viene meno ogni pericolo per la comunita'. Nell'associazione a delinquere, invece, dopo l'eventuale commisione di uno o piu' reati, il vincolo associative permane per l'ulteriore attuazione del programma di delinquenza prestabilito e, quindi, persiste quell periodi per l'ordine pubblico che e' caratterestica essenziale del reato.*

C)*Per la configurabilita' del delitto di cui trattasi occorre la partecipazione di almeno tre persone.*"

Jikkwalifika l-element materjali ta' dan ir-reat billi jiddefinixxieh hekk:

Izid ukoll:
"*Il delitto si perfeziona non appena e' costituita l'associazione. Ai fini della sua esistenza nona importa che' siano commessi o meno i reati che sono in programma. Insomma il fatto solo dell'assocazione integra il delitto.*"
(F Antolise: Manuele di Diritto Penale Parte Speciale Pag 228 – 232).

Jispjega fil-fatt l-Antolisei, lli dan ir-reat in ezami jixbah hafna lil dak ta' assocjazzjoni "conspiracy", pero f'dak ta' assocjazzjoni semplici huwa necessarju l-akkordju, l-ftehim komuni, illi jigu realizzati, commessi, delitti determinati, u d-delitt huwa hekk ikkonsmat u kostitwit.

Ir-reat in ezami huwa aktar kompless ghax hawn si tratta ta' komplessita' ta' ghaqda ta' nies organizzata bi struttura u pjan ta' atti kriminuzi. Il-Ligi hawn trid li tippunixxi kull min jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja din l-ghaqda ta' zewg persuni jew izjed.

Oltre dan, kull min jappartjeni biss ghal tali ghaqda bla ma jkun hekk involut kif hawn suriferit, jehel piena anqas, pero huwa ghalhekk ukoll punit.

Mill-fatti jirrizulta li grupp ta' gukaturi gew ghal almenu tliet darbiet Malta, taht is-suppost junket leader Barut. Dan il-grupp mhux dejjem kostitwit mill-istess persuni, pero jibqghu l-istess persuni 'at core', jipprezentaw varji cekkijiet u bankdrafts mal-cassa tal-Casino di Venezia liema cekkijiet jirrizultaw jew misruqa jew mahruga minn fuq kont li ma jsejjahx lill-firmatorju tieghu, b'dan illi qabel ma ntervjenew il-pulizija lehqu nhargu mill-Casino bhala rebh circa mija u sebghin elf Ewro (€170,000).

Illi Zulian wahdu jipprezenta f'okkazjoni bankdrafts (li rrizultaw (kif jirriflettu l-Ittri Rogatorji ezaminati), illi kienu misruqa. F'okkazjoni ohra jsarraf ghal chips, cekkijiet li tah Amerigo Turcillo li hu anke ffirma nonostante l-kont taghhom ma jsejjahx lilu, u ta' dan kien certament konsapevoli - dan jghidu hu stess fix-xhieda tieghu.

Dwar il-ftehim ta' kif hu gie hawn Malta, Zulian jispjega li darba li kien qed jilghab gewwa l-Casino tar-Rumanija, huwa ltaqa' ma' Nevio Barut, li meta dan ra li Zulian kien jilghab hafna flus u li ghalhekk seta' jaghmel profitt minn fuqu, stiednu biex jigi jilghab Malta. Jghid illi hu gewwa r-Rumanija kien ma' Caramazza. Zied ukoll illi hu meta gie

Malta, l-ewwel darba gie wahdu qabel il-grupp. Zied illi hu mar ghand Orlandi u gie moghti l-flus biss fuq il-kelma ta' Barut. Hawn Orlandi tah b'ghaxart elef Ewro (€10,000) chips, fische.

Jirrizulta wkoll illi varji cekkijiet inhargu mill-gukaturi li kienu fil-grupp ta' Barut u Caramazza li ma setghux jigu msarrfa, u li jekk ghalhekk l-Casino spicca skopert bit-tisrif taghhom u r-rebh fuqhom. Dawn dejjem kienu fl-istess junket grupp ta' Zulian. Tant hu hekk, illi Zulian stess jghid illi f'okkazjoni minnhom prezenta mal-cassa, fuq struzzjonijiet ta' Vastola, cekkijiet, "*assegni circolari*" tal-valur ta' hamsin elf Ewro (€50,000)-il wiehed mahruga fuq il-Banca di Credito Popolare. Skondtu prezentahom mal-cassa fuq struzzjonijiet ta' Vastola (issa) biex jippacifikaw kreditu ta' gukaturi ohra u ta' Caramazza.

Jghid ukoll illi hu minghand partecipant ta' dan il-grupp accetta cekkijiet ghax kienu spiccawlu l-flus, ghalhekk minghand Turcillo ha cekkijiet li hu sarraf mal-cassa fil-fische nonostante mhux minn kont tieghu, addirittura anke ffirma.

Tfakkar ukoll il-Qorti li gew prezentati minn dan il-grupp, diversi cekkijiet li kienu kollha skoperti, pero misruqa bhal dak ta' Zulian, Caramazza, Vastola, u Conza.

Fi kliem l-istess Zulian, ghalkemm huwa dejjem neganti li kellu x'jaqsam ma' dan il-grupp ta' gukaturi, hlief biss mal-mejjet Caramazza (li per parentesi wkoll prezenta cekkijiet illeciti), pero sab ruhu f'sitwazzjoni li beda anke jiggarantixxi s-solvenza ta' ohrajn mal-cassa li bdiet tirreferi lilu qabel ma ssarraf ghal chips, dan skondtu kien sar fuq direzzjoni ta' Orlandi. Nonostante n-negazzjoni tieghu tal-konoxxenza jew

irbit mal-grupp inovlut, pero hu flimkien ma' Vastola (li per parentesi minn ghandu gia' kien accetta cekkijiet), ircieva proposta minghand Orlandi dwar profitt illi setghu jaghmlu jekk iressqu lejn il-Casino aktar gukaturi. Orlandi minn naha tieghu xehed illi dawn it-tnejn kienu avvicinawh biex jidhlu socji jew jixtru ishma tal-Casino di Venezia, addirittura erbghin fil-mija (40%) ta' ishma!

Dawn l-intrulji konsiderati, fl-opinjoni ta' din il-Qorti qajla jindikaw illi dan Zulian kien daqshekk estranju ghal dan il-grupp ta' gukaturi u l-loghob taghhom.

Kif gia' spjegat aktar 'il fuq il-Qorti, l-Antolisei, bhal del resto anke l-Ligi taghna, jiddistingwi bejn l-agent illi jippromwovi l-assoccjazzjoni, cioe' jinizzjaha, jikkostitwieha; dak li jikkreaha, iwellidha, dak li jorganizzaha; dak illi jikkordina l-attivita' tas-socji individwali taghha biex jassigura l-efficjenza u l-izvilupp taghha; u fil-Ligi Maltija dak illi jiffinanzja l-ghaqda, allura jipprovdi mezzi finanzjarji ghall-iskop ta' din l-assocjazzjoni. Dan kollu dejjem bi skop li jsiru reati kriminali, fil-kaz taghna dan il-frodi ad dannu tal-Casino, u jekk jirrizulta reciklagg ta' flus.

Issa l-Qorti ma tistax fil-verita' tiddetermina liema, jekk kienet, il-funzjoni ta' Zulian f'din l-assoccjazzjoni. Certament rwol determinanti kellu, ghaliex tfakkar illi huwa flimkien ma' Vastola, anke jekk dan neganti minnu, avvicina l-cassa u pprova jakkwista "*win cheque*" in skambju ta' chips minflok jiehu lura cheque minnu mahrug, u kien lest joffri lil Dick u lil D'Amico, ghax dan sar fil-presenza taghhom, cippa ta' elf Ewro (€1,000) biss u unikament biex jassigura li jiehu dan il-"*win cheque*" minn mal-cassa. Juri dan x'fiducja kellu l-istrument bankarju minnu wzat! Huwa gie rispost illi dan ma

setax isir ghax dan kien jikkostitwixxi "*money laundering*". Ghalhekk il-Qorti verament temmen illi Zulian mhux dak ir-ragel daqstant miskin u innocenti, u li nqabad b'kumbinazzjoni f'dan it-tranell, daqs kemm jixtieq illi hu jigi hekk emmnut!!

Fatti ohrajn li l-Qorti kkonsidrat ukoll hawn, kienu li skont Orlandi, Vastola u Zulian hallewlu anke "*assegni circolari*", flimkien, tad-dejn pendenti mal-Casino. Tant hu emmen fil-vicinanza/kollaborazzjoni taghhom, illi anke stedinhom ghall-ftuh tal-wine bar '*Skamps*', skondtu ghax dawn riedu jidhlu partners, jixtru l-ishma, isiru parti mit-tessut tal-Casino. Anke lill-cassa ta direzzjoni li fil-konfront tal-gukaturi l-ohra kellhom jirreferu lil u ghal Vastola u Zulian, mhux ghand Barut.

Jghid ukoll illi kien biss meta gibdulu l-attenzjoni, ghalkemm il-Casino kien qed jirbah, li l-Casino kien qed ikollu johrog u jqieghed fuq l-imwejjed tal-loghob aktar fische, u illi sparixxew il-gukaturi li skondtu kienu gabu Zulian u Vastola.

Pero terga' tghid il-Qorti, mhux car Ghaliha liema rwol hu, Zulian, verament hu adopera minn dawk hawn fuq definiti, ghaldaqstant ghax verament m'Ghandhix dubbju li hu kien zgur appartenenti ghal din l-ghaqda li kellha t-tir kriminuz, **<u>tqisu hati taht l-Artikolu 83A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta</u>**, u tilliberah pero mir-reati l-ohra lilu addebitati taht l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu l-iehor addebitat huwa dak ta' **<u>assoccjazzjoni</u>** taht l-**<u>Artikolu 48A</u>** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan jaqra hekk:

"*48A. (1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma*

*jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.*

*(2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.*"

Mela kjarament u bla dubbju, jirrizulta car illi l-Ligi trid illi din l-assoccjazzjoni tibda tissusisti l-mument illi "*xi sura ta' azzjoni*" tigi miftehma jew pjanata. Fit-test Ingliz, dan jaqra "*from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between such persons".*

Mela certament il-pjan necessarju hawn jista', anke biex ikun sodisfatt dan ir-reat, ikun wiehed anke miftuh u mhux wiehed illi jinhtieg illi jkun pjanat sa lanqas dettall bir-reqqa, basta jkun hemm il-hsieb komuni bejn zewg partijiet, u izjed illi jaqblu u jibdew u jhejju certu pjanijiet biex jigu miftehma anke l-modalitajiet ta' azzjoni biex jigi kommess ir-reat. Necessarju l-qbil bejniethom ghal skop u ghan komuni. Ir-reat precedentement ezaminat jitlob fih innifsu izjed komplessita' ta' struttura ta' ghaqda u kif jispjega sew l-Antolisei ghandu mpatt aktar prolongot u kompless fuq is-socjeta', u minhabba ghaqda b'ghan ta' reita', jissoxxita' aktar alarm u ansjeta' pubblika.

Dr Brincat fil-fatt issugerixxa li hawn gie addebitat reat alternattiv. Dan ghalkemm jista' jkun il-kaz, pero mhux necessarjament hu hekk. L-assoccjazzjoni taht l-Artikolu 48A tista' treggi bhala reat minghajr ma jkun hemm dik l-"*associazone per delinquere*", mahsub taht l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-"*conspiracy*", assoccjazzjoni tezisti anke minghajr il-komplessita' ta' struttura u pjanijiet ta' ghaqda jew organizzazzjoni.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet "***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul***", Nru 10/2000, datata 17 ta' Marzu, 2005, il-Qorti ghamlet referenza ghal Archbold Criminaln Pleading, Evidence and Practice 2003, dwar dan ir-reat in ezami, biex jigi miftiehem ahjar dan ir-reat:

"*The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R. v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust [1902] 1 K.B. 77 at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: O'Connell v. R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1."*

*"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317.*"

Fil-kawza fl-ismijiet "***Ir-Repubblika ta' Malta vs Stephen John Caddick and Philip Walker; Omissis***", datata 6 ta' Marzu, 2003, il-Qorti qalet hekk dwar id-definizzjoni u l-elementi ta' dan ir-reat:

"*As pointed out by appellants, the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, "it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice". But the First Court then continued:*

*"Obviously if there is evidence which shows that the agreement was put into practice, if there is evidence which shows that there was dealing in drugs in Malta, then that is a circumstance which shows that there has been this conspiracy. That this is a circumstance which proves that the conspiracy had existed. But if for argument's sake, there is no evidence that the agreement was put into actual practice, then you will still have the crime of conspiracy complete. So do not think that it is an essential element of the crime to have to prove up to the level of moral conviction that there was the actual dealing of drugs in Malta".*

………..

*Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter*

*101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement.*"

Mela hawn l-evidenza migjuba trid tkun dwar ftehim, fil-kaz taghna in ezami mhux dwar droga, imma frodi tal-Casino, u eventwali reciklagg fil-fatt biex dan ir-reat jissusisti ma hemmx ghalfejn jirrizulta tali frodi per se'. Ir-reat huwa kkunsmat appena jsir dan il-ftehim li sehh b'ghan komuni, ftehim dwar 'il kif ghandu jigi milhuq l-ghan innifsu.

Ghandu wkoll dan il-ftehim ikun akkumpanjat ma' element iehor biex dan ir-reat ta' assoccjazzjoni jkun kostitwit.
Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fil-kawza fl-ismijiet "***Ir-Repubblika ta' Malta vs Edgar Pena***" datata 5 ta' Dicembru, 2012, fejn il-Qorti qalet illi mhux biss jinhtieg ikun hemm "*meeting of the minds*", izda l-meeting minds irid kun mhux

biss ghall-ispacc ta’ droga **izda wkoll dwar il-mezzi, ossia modalitajiet, li ser jintuzaw sabiex isir dak l-ispacc**.

Jghin mhux ftit il-fatt, dan bhala prova anke cirkostanzjali ta’ tali ftehim, li fil-fatt dan il-ftehim tqieghed fis-sehh anke b’success!

Gia’ gie ampjament stabbilit illi fil-fatt grupp ta’ gukaturi gew flimkien biex jilaghbu fil-Casino di Venezia (Malta). Fl-ewwel weekend kollox mar sew u l-flejjes jew strumenti ta’ kreditu minnhom prezentati biex jissarrfu ghal fische kienu validi, u ssarrfu bla problemi. Fit-tieni weekend haga tal-ghageb, tqassmu assegni circolari misruqa u ntuzaw cekkijiet minn kontijiet bankarji anke jsejhu lil terzi. Zulian jidher illi hafna fin-nofs ta’ dan kollu. Jghid hu stess, anke issa kwazi kwazi nkredolu, li hu kien qed jinghata tali mportanza bhala ‘point of reference’, fejn jidhlu gukaturi ohra.

Zgur illi mancando ammissjoni cara din ta’ ftehim ta’ Zulian kif spjegat, mal-ohrajn biex jigi attwat dan it-tranell, il-Qorti trid tasal mill-provi cirkostanzjali. Thoss il-Qorti illi hemm bizzejjed provi a bazi tal-fatti gia’ esposti, li jorbtu bla dubbju dettat mir-raguni lil Zulian ma’ dan il-ftehim li sar (probabbilment) gewwa r-Rumanija biex jigi defrodat il-Casino bl-uzu ta’ strumenti ta’ kreditu lleciti.
**Ghaldaqstant issibu hati wkoll ta’ dan ir-reat u dan wara li rat l-Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

L-Artikoli l-ohrajn li bihom gie akkuzat Fabio Zulian huma dawk mahsuba fl-Artikoli **308, 309, u 310** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghalih hemm varja gurisprudenza nostrana li taghmel referenza ghalih, jghid hekk:
"*308. Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.*"

Illi kif ben gie stabbilit allura, biex jigi kostitwit dan ir-reat, mhux biss jinhtieg illi jirrizulta l-qerq, imma dan il-qerq irid ikun wiehed akkumpanjat minn raggiri, artifizji, grajjiet kimerici, allura sitwazzjonijiet fabbrikati, anke gideb, li jgieghel lir-recivent jemmen, f'dan il-kaz fi kreditu san. Dawn it-teatrini huma ben riferuti fil-gurisprudenza taghna (ampja dwar dan) bhala '*messa in scena*', tant allura trid tigi mahluqa din il-grajja helwa u qarrieqa, imma li taf tikkonvinci u fil-fatt tikkonvinci u twassal ghal telf.

Insibu li fil-fatt Zulian kellu garanti bil-kelma lil Nevio Barut, tant illi anke wasal Malta hawn wahdu u nghata, fuq il-kelma ta' Barut, kreditu ta' ghaxart elef Ewro (€10,000). Tant kien qisu ta' gewwa, illi anke ppropona li jidhol f'sehem (ma' ohrajn) mill-Casino di Venezia. Bla protesti, ghalkemm issa fix-xhieda tieghu kien qisu nkredolu talli gara dan, saret referenza ghalih biex jinghata kreditu lil haddiehor.

Kien certament jaf illi hu kien qed juza cekkijiet mhux mahruga mill-kont tieghu. Bi xjenza ghazel illi jiffirmahom, jipprezentahom mal-cassa u jiehu skambju taghhom ta' fische

– dawn flus tal-Casino, l-unika moneta li tintuza go Casino. Hu stess jghid illi ghamel rebh biss ta’ tletin elf Ewro (€30,000), ghalkemm il-kreditu li prezenta kien hafna aktar - kreditu li hu gab jew minn assegni circolari misruqa, u minn cekkijiet li tah Amerigo Turcillo li nafu li ma setghux jigu msarrfa. Verament kif qal l-Avukat Difensur hawn si tratta ta’ cheques post-dated li allura l-Casino ghamel hazin li accetta, pero dan ma jannullax jew igib fix-xejn l-animu ta’ Zulian illi jiddifroda lill-Casino bl-ghoti ta’ dawn ic-cekks. Lanqas ma jgib fix-xejn dan li huwa prezenta tali cekkijiet, ghax issa kien qed igawdi l-fiducja totali tal-amminstraturi tal-istess Casino, anke bi proposta ta’ aktar affari flimkien bejniethom. Tfakkar il-Qorti wkoll, illi in kwantu l-Avukat Difensur hawn anke ccita decizjoni ta’ din il-Qorti fil-konfront ta’ Gino Tabone, illi hawn Zulian terga’ u tghid kien qed johrog cekkijiet, iva post-dated, imma oltre hekk minn kont li kien jaf li ma kinx isejjah lilu!!

Illi m’ghandhix dubbju din il-Qorti, illi Zulian kellu xjenza netta u cara ta’ dak illi hu kien qed jipprezenta mal-cassa. Tant hu hekk, illi hu kalm kalm, meta ta x-xhieda tieghu, skuza l-azzjonijiet tieghu billi qalilna li hu xorta kellu l-intenzjoni li jonora d-debitu tieghu, anke jekk l-istrumenti bankarji minnu wzati kienu fil-verita’ ma jiswew xejn, ghax hu kien ragel ta’ unur, tal-kelma! Il-qerq bir-raggiri u sembjanza ta’ kreditu lehaq sar, u ta’ dan huwa ha kreditu minghand il-Casino.
Ghaldaqstant din il-Qorti, **<u>qieghda ssibu wkoll hati tar-reat ta’ truffa kkontemplat taht l-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta</u>**.

L-Artikolu li issa ser tezamina l-Qorti huma l-Artikoli **<u>183 u 184</u>** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jaqraw hekk:

"*183. Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.*

*184. Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni.*"

Certament l-ewwel reat in ezami, dak kontemplat taht l-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jitkellem u jitratta dwar l-agent tal-falsifikazzjoni; mentri l-Artikolu sussegwenti, dak 184, jippunixxi kull min juza bi xjenza dokument hemm imsemmi, sapendo bil-falsita' tieghu.

Hawn, biex tigi ahjar spjegata n-nozzjoni tal-falz, din il-Qorti ser taghmel referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "***Il-Pulizija vs Jeffrey Busuttil***" datata 9 ta' Lulju, 2014.

Din il-Qorti ghamlet minn naha taghha referenza ghal dak illi qalet il-Qorti wkoll tal-Appell Kriminali fid-decizjoni fl-ismijiet "***Il-Pulizija vs Paul Galea***", fejn giet ben spjegata d-

differenza bejn il-falz materjal u l-falz ideologiku, b'dan il-mod:

" *"filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tiegħu (ara Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986) p. 604). Fi kliem*

*Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p.829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun ġenwin 'non e' veredico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero'.*

*Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar, u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu, imqar temporaneament, il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, eċċ.*"

Mela jrid ghalhekk jirrizulta mill-provi, illi l-imputat Zulian jew kien hu li kkrea, holoq dokument falz; jew kellu dokument gia' validu u sew, u fih ghamel xi alterazzjonijiet li jridu juru haga b'ohra, u jaghmel uzu minnu.

Jirrizulta illi Zulian uza l-assegni circolari jew li kellu gia' hu jew li nghata minn Barut. Hawn, hi liema hi l-verzjoni li temmen il-Qorti – cioe' dik ta' Barut li dawk kienu ta' Zulian jew dik ta' Zulian li dawk kienu ta' Barut, dawn kienu assegni circolari, gia' ntestati lil Vittoriosa Gaming Ltd ghall-ammont ta' hamsin elf Ewro (€50,000)-il wiehed. Xejn ma jghin lill-imputat illi dawn inhargu minn Torino, pajjizu; il-fatt illi l-Banca di Credito Popolare lanqas biss ghandha fergha go din il-belt! Dan il-fatt jirrizulta sew mill-Ittri Rogatorji gia' ezaminati.

**Pero**, din il-Qorti ma tistax mill-provi tghid u tasal ghal xi konkluzjoni ta' min altera dawn il-bankdrafts, imliehom; bankdrafts li del resto wiehed irid jiftakar irrizultaw anke misruqa.

Uza wkoll Zulian cekkijiet ta' Turcillo. Gia' gie stabbilit illi hu mliehom u addirittura ffirmahom. Prezentahom mal-cassa u taghhom ha l-ekwivalenti f'fische. Hawn certament gie kommess il-falz ideologiku – saret falsita' fis-sustanza, fil-kontenut ideologiku tad-dokument.

Mela jirrizulta car illi Zulian ghamel dik il-falsifikazzjoni ideologika fuq ic-cekkijiet, oltre dan ghamel uzu minn tali cekkijiet, allura huwa bla dubbju **hati wkoll ai termini tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**
Il-Qorti ser taghtieh hawn il-beneficcju tad-dubbju dwar l-assegni circolari minnu prezentati, ghallkemm l-uzu dubbjuz

taghhom anke biex ipaci dejn ta' haddiehor, jindika biss fil-fehma Taghha, il-modalita' ta' din l-assoccjazzjoni, u l-operat taghha. Pero dan il-beneficcju tad-dubbju huwa limitat biss in kwantu jirrigwardja min fil-fatt iffalsifika dawn l-assegni circolari. Ma setax Zulian ma jkunx konsapevoli tal-fatt illi dawn l-ammont ta' assegni circolari moghtija hekk facilment lilu, minghajr ftehim ta' hlas u kreditu dwarhom, uzati qishom cicri fost il-gukaturi, li waqghu hekk mis-sema, addirittura gia' ntestati lil Vittoriosa Gaming Ltd, ghall-ammont xejn negligibbli ta' hamsin elf Ewro (€50,000)-il wiehed, kienu ta' natura verament dubbjuza!

Skuza azzjonietu billi pprezenta t-tezi li dawn kienu problema ta' Barut; illi kellu jkun dan illi jipprovdi l-kreditu ghall-loghob, u li dan kien responsabbli ghalhekk.
Pero Zulian, anke kieku dan kien il-kaz, xorta kellu r-responsabbilita' li jassigura uzu ta' strumenti bankarji leciti u validi. Tfakkar ukoll il-Qorti, illi Zulian dejjem uza kreditu moghti lilu minn haddiehor, qatt ma jidher illi laghab flus tieghu.

Xejn u xejn ma jiswa li wara l-istorja hu jghidilna li kellu kull intenzjoni li jonora d-debitu tieghu. Azzjonijietu mal-cassa kif gia' spjegat mix-xhieda ta' Joanne Dick, juri ferm mod iehor.
**Ghaldaqstant il-htija msemmija taht l-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ukoll fil-konfront tal-uzu ta' dawn l-"*assegni circolari*"**.

L-ahhar reat li ser jigi ezaminat huwa dak ta' Money Laundering taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta. Gia' l-Qorti ezaminat fl-inizzju ta' dan il-gudizzju l-eccezzjonijiet li fil-kors ta' dawn il-proceduri, (pjuttost tardivament), id-Difiza ressqet dwar l-addebitu tal-money laundering. Il-Qorti

ddisponiet minnhom billi kif suriferit iddecidiet illi Fabio Zulian kellu jirrispondi ghar-reati mahsuba taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi qalet:

- illi certament kien hemm l-elementi guridici fil-fatt prezentati biex Zulian jigi addebitat b’tali akkuzi;
- illi fil-fatt l-akkuzi ai termini tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jinhtigux bhala rinviju ghall-gudizzju bl-Artikolu tal-Avukat Generali biex jigu addebitati, nonostante li jezorbitaw il-kompetenza originali tal-Qrati tal-Magistrati. Dan il-Kapitolu kien Ligi spejcali u l-akkuzi tieghu huma formalizzati mill-akkuza primarja li biha jigi notifikat l-imputat;
- illi verament il-Qorti tal-Appell ta’ Torino ikkonkludiet illi Zulian ma kellux jirrispondi ghar-reat ta’ autoreciklagg. Fil-verita’ kkonkludiet din il-Qorti, illi dan ma kinx reat illi kien fil-fatt ikkonsidrat fil-European Arrest Warrant, u lanqas ma kien reat illi tieghu gie akkuzat l-imputat Fabio Zulian.

Ikkonsidrat:

Illi r-reat addebitat huwa ben deskritt fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jaqra (qabel l-emendi varji li saru fl-Att)

*"money laundering" tfisser:*

*(i) il-konversjoni jew trasferiment ta’ proprjetà meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta’, attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali, għall-iskop ta’ jew skopijiet ta’ ħabi jew wiri ħaġa b’oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta’ għoti ta’ għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f’attività kriminali; (ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b’oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni,*

*moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf li dik il-*proprjetà *tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta'*
*parteċipazzjoni fattività kriminali;*
*(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta'* proprjetà *meta wieħed ikun jaf li l-*istess *proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'*attività *kriminali;*
*(iv) ir-*ritenzjoni *mingħajr skuża raġonevoli ta'* proprjetà *meta wieħed ikun jaf lill-*istess *proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'*attività *kriminali;*
*(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-*sub-*paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-*Kodiċi *Kriminali;*
*(vi) l-aġir bħala kompliċi fit-*tifsir *tal-artikolu 42 tal- Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;*
*"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmula taħt dan l- Att;*
*"proprjetà" tfisser proprjetà ta' kull xorta, natura, deskrizzjoni, kemm jekk mobbli jew immobbli, tanġibbli jew mhux tanġibbli u, bla ħsara għall-*ġeneralità *ta' dak li ntqal qabel, tinkludi:*
*(a) kull flus, kemm jekk l-istess flus ikunu jew ma jkunux valuta legali f'Malta, bills, titoli, bonds, dokumenti negozjabbli jew kull dokument li jista' jkun negozjabbli inkluż dokument li jitħallas lill-*portatur *jew imdawwar biex jitħallas lill-portatur kemm jekk espressi f'euro jew f'xi flus oħra barranin;*
*(b) flus kontanti jew depożiti jew kontijiet ta' flus ma' xi bank, istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni oħra kif jista' jiġi*

*preskritt li jmexxu jew ikunu mexxew il-kummerċ tagħhom f'Malta;………….*"

Illi ghandu jigi ben precizat illi dan l-Att gie emendat varji drabi. Senjalament ghalina, cioe' ghall-kaz in dezamina, huma relevanti dawk l-emendi li l-Artikolu suriferit ghadda minnhom fis-sena 2007 (ara Att XXXI.2007) fejn dan l-Artikolu 2 zdiedlu bhala element ta' xjenza mhux biss il-fatt illi persuna kienet "*taf*" li proprjeta' kienet derivanti minn rikavat ta' attivita' kriminali, imma anke li kellu s-"*suspett*" ta' hekk. Ghalhekk, ir-reat li ghalih irid jirrispondi Zulian huwa dak kif rifless fl-akkuza addebitata u cioe' li hu kien **jaf bil-provenjenza ta' dan ir-rikavat, nieqes l-element ta' suspett.**

Dwar il-mod kif il-Prosekuzzjoni ghandha tipprova r-reati sottostanti, (underlying offence), l-Artikolu 2(2)(a) kien jaqra hekk (qabel l-emendi):
"*Persuna tista' tinstab hatja tad-delitt ta' money laundering taht dan l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenza tal-Qorti li tistablixxi htija fir-rigward tal-attivita' kriminali sottostanti, liema attivita' kriminali tista' tigi stabbilita minn prova cirkostanzjali jew prova ohra, minghajr il-htiega li l-Prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna ghall-attivita' kriminali sottostanti.*"

Car ghalhekk, u ma hemm l-ebda dubbju li l-Prosekuzzjoni hija ferm facilitata, (anke qabel l-emendi tas-sena 2010), bl-obbligu taghha li tipprova l-attivita' kriminuza sottostanti, anke allura minn provi cirkostanzjali.

Ovvjament din l-onu ta' prova tibqa' tinkombi fuq il-Prosekuzzjoni u jrid ikun hu li jwassal din il-prova tal-grad li trid il-Ligi.

Ghalhekk insibu li fil-kawza fl-ismijiet "***Ir-Repubbblika ta' Malta vs John Vella***", deciza nhar id-9 ta' Novembru, 2007, il-Qorti qalet hekk dwar dan:
"*L-Avukat Generali jista' akkuza persuna bir-reat ta' money laundering minghajr ma jkollu sentenza ta' kundanna ta' dak li jkun qed jigi allegat li huwa l-attivita' kriminali sottostanti. Certament pero, ikun x'ikun il-kaz, jekk l-Avukat Generali jiddeciedi li jakkuza lil xi hadd b'money laundering, irid jindika n-ness bejn l-attivita' kriminali sottostanti partikolari li jkun qed jallega. Mhux kull akkwist, mhux kull konverzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta', mhux kull habi jew wiri ta' proprjeta' necessarjament jammonta ghal money laundering. Din hi Ligi straordinarja li tintroduci kuncett radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni bl-akbar skurplu u attenzjoni, biex ma tigix reza fi strument ta' ingustizzja, iktar reminixxenti taz-zminijiet tal-inkluzjoni minn dawk l-era moderna tad-drittijiet tal-bniedem.*"

Mela bla dubbju din il-Qorti stabbiliet illi kien hemm dawk ir-reati sottostanti mill-gukaturi tal-Casino di Venezia; sabet htija fil-konfront ta' Zulian tal-assoccjazzjoni per delinquere, l-assoccjazzjoni - conspiracy, truffa u falsifikazzjoni. Issa l-Ligi trid, biex jigi ppruvat ir-reat ta' reciklagg, illi dan Fabio Zulian kien jaf, fit-test Ingliz "***<u>knowing</u>*** *such property*", kienet derivanti direttament jew indirettament minn rikavat ta' attivita' kriminali. Mhux biss jehtieg illi dan ir-rikavat ikollu dik il-provenjenza, imma li conoscendo dan l-agent, jahbi din in-natura tieghu billi jikkonvertieh fi flus jew rikavat li jidher lecitu, jahbi l-provenjenza tieghu ta' dan ir-rikavat u jibdillu n-natura ta' llecita' billi jikkonvertieh ghal dak illi issa jkollu sembjanza lecita. Jinhtieg illi l-agent ikun jaf "*knowing*" illi

dawn il-flejjes jew proprjeta’, ikollhom provenjenza ta’ attivita’ kriminali.

Ghalhekk insibu fl-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 2012, paga 2475, illi dan ir-reat hu hekk definit:
“*The explanatory notes to the PAA (Proceeds of Crime Act 2002) define money laundering as “the process by which the proceeds of crime are converted into assets which appear to have legitimate origins, so that they can be retained permanently or recycled into further criminal enterprises.*”

Illi mela stabbiliti li fil-fehma tal-Qorti l-flejjes li ntuzaw gewwa l-Casino di Venezia kellhom provenjenza llecita’, din il-Qorti trid tifli u tara jekk Zulian kellux xjenza ta’ dan il-fatt.

Gia’ gie diskuss, u fil-fehma ta’ din il-Qorti Zulian huwa hati ta’ falsifikazzjoni, meta huwa ta lil Casino cekkijiet mill-kont ta’ Turcillo li kien jaf li ma setax jiffirma. Uza wkoll bankdrafts illi kienu misruqa, pero ma hemm ebda prova li hu kien jaf bil-provenjenza ta’ dawn, pero uza bankdrafts dubbjuzi kif gia’ spjegat il-Qorti. Illi l-kreditu li kien qed juza kien dubbjuz hija certezza li ghandha l-Qorti mill-fatti kif zviluppaw. Ic-cirkostanzi juru li Zulian kien parti integrata minn dan il-grupp li rnexxielu ghall-ammont ta’ mija u sebghin elf Ewro (€170,000) circa, jiddefroda l-Casino u jwaddab fis-sistema monetarja flus li kellhom provenjenza llegali. Illi Zulian flimkien ma’ shabu kien ben konsapevoli ta’ dan, ghaliex kif gia’ inghad, hu stess prova jaghmel dan l-iskambju ma’ Roanne D’Amico meta talabha tbiddillu c-cippi f’”*win cheque*”.

Jekk tigi ezaminata sew ix-xhieda ta’ Joanne Dick, allura dak li beda jigri mal-cassa tal-Casino, jirrizulta b’mod car l-operat

ta’ dan il-grupp ta’ gukaturi, il-“*modus operandi*” taghhom, u l-mod kif bdew jew ahjar pruvaw ibiddlu l-istrumenti bankarji li bdew jigu minnhom prezentati. Naraw hawn mix-xhieda ta’ Dick (operat ta’ tisrif ta’ flus, cekkijiet u cippi kwazi Oliwudjan. Naraw illi Zulian uza cekkijiet ta’ Xelion Bank (dawn irrizultaw anke misruqa); gie uzat ukoll kont f’isem haddiehor. Zulian, mitkellem minn Dick dwar dan, qallha li kien ser isolvi l-problema billi jkontro jiffirma dan ic-cekk! Spjegat ukoll, kif jidher mix-xhieda, ta’ din Joanne Dick, kif bdew jigu prezentati lilha assegni circolari, dejjem ghall-valuta ta’ hamsin elf Ewro (€50,000) dejjem tal-istess Banca; anke bdiet tigi mitluba tohrog win cheques fuq nies mhux prezenti bhala gukaturi gewwa l-Casino – dejjem allura aktar bdil ta’ provenjenza. Dan per ezempju ntalab lilha mill-istess imputat u hi harget cheque fuq l-assenti Stefano Zulian, (dan minn Caramazza u Zulian). Haga tal-ghageb ukoll illi kif xehdet Joanne Dick, kull min prezenta kontanti rebah, allura nhargu win cheques normali; mentri minn uza strumenti bankarji biex laghab dejjem tilef, allura gie halla dejjem tali dokumenti ta’ kreditu mal-Casino!

Anke mix-xhieda ta’ Richard Vidal, jirrizulta car il-modus operandi adoperat. Ghalkemm kien jirrizultalu mill-loghob li fil-fatt Zulian kien rebah somma flus mal-cash desk, dan irrizultalu li mal-imwejjed tal-loghob tilef. Ikkonferma li dawn il-gukaturi bejniethom bdew anke jghaddu c-cippi lil xulxin.

Ghalhekk il-Qorti, tenut ta’ dan kolllu u tenut tac-cirkostanzi li rrizultawlha, temmen illi Zulian kellu xjenza tajba tal-provenjenza xejn nadifa tal-kreditu li beda jinbidel f’cippi mal-cassa, tal-istrumenti bankarji uzati. Jidher illi dan sar bi hsieb u ftehim minn grupp determinat ta’ nies, anke ghax beda

jsir tahwid ta’ cippijiet, ta’ kreditu, u tpacija tal-istess bejniethom. Operat dan li sewa lil Casino ammont konsiderevoli ta’ eluf ta’ Ewro qabel ma nduna bit-tranell, u waqqaf il-pagament ta’ “*win cheques*” ulterjurment mahruga lil xi gukaturi. Dwar dan fil-fatt xehed anke Dr Cefai. Terga’ tirritjeni din il-Qorti li anke l-mod kif iva skjett, kif qalet id-Difiza, li xehed Zulian illi qisu ma gara xejn u kien ser jonora l-flus, jghinha biex tiddeterina, maghduda c-cirkostanzi jkollha flimkien, din ix-xjenza.

Ghaldaqstant din il-Qorti thoss ukoll illi gie’ **anke pruvat ir-reat ta’ reciklagg ikkontemplat taht l-Artikolu 2, 3(2A)(a)(b) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Dwar il-piena, wara li ghalhekk rat l-Artikoli li taghom qed isib htija u cioe’ 83A(2), 48A, b’dan illi hawn tqis illi l-ahhar reat kien wiehed kompriz u nvolut fl-ewwel wiehed (cioe’ li din l-assoccjazzjoni wasslet ghal dan il-common design, u modalitajiet tieghu), 308, 309, 310, 183 u 184 – ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (ilkoll skondtha mezz ghall-fini ghar-reciklagg), kif ukoll l-Artikoli 2, 3(2A)(a)(b) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, li ghalhekk taghhom qed issib htija, ikkunsidrat dak li xehdet il-Correctional Officer fil-konfront tal-imgieba tajba tal-imputat gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi huwa sal-llum baqa’ taht arrest preventiv biss minhabba l-fatt illi huwa kien ghal zmien ta’ ‘l fuq minn sena (1) inganna lill-Qorti bl-ezistenza ta’ tumur li qatt (u j’Alla qatt) ma kellu! Tant illi gew anke Lilha mibghuta mill-Italja varji dokumenti medici addirittura foloz biex jiggustifikaw l-assenza ta’ Zulian ghal dawn il-proceduri. L-intrulju kien tali li kellhom jittawlu dawn il-proceduri billi

l-ewwel intbaghtu l-Italja Ittri Rogatorj dwar id-dokumenti medici ezebiti, bil-konsegwenza li din il-Qorti mbaghad, biex ingab Zulian lura, kellha anke tinzzja l-procedura tal-EAW li wassal ghall-vertenza hawn fuq diskussa. Ikkunsidrat ukoll illi frankament ftit jekk mhux xejn, l-imputat ma wera xi rimors tal-akkadut. Car dan mill-attitudni u komportament tieghu waqt id-deposizzjoni tieghu.

Rat ukoll l-Artikolu 17, 18, u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkunannah ghal piena ta prigumerija effettiva ta' seba' (7) snin;
U ghal multa ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000), konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa;

Tilliberah mill-effetti tal-Artikoli l-ohra addebitati, in kwantu ghall-Artikolu 83A(1) ghal dak gia' suespost; u l-Artikolu 189 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghax tqishom bhala akkuzi alternattivi;

Rat ukoll l-Artikoli 23, 23A, 23B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal hamest elef disa' mija u sitt Ewro u tletin centezmu (€5,906.30), b'dan illi l-istess jigu konvertiti fi prigunerija skont il-Ligi, f'nuqqas ta' hlas.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------